Bullettin ta' l-Arċidjoċesi Nru. 109 Mejju/Ġunju 2001

# BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI



# BULETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI

**Nru. 109** **Mejju/Ġunju 2001**

## WERREJ

DOKUMENTI MILL-VATIKAN
Ittra tal-Papa lis-Saċerdoti f'Ħamis ix-Xirka 2001 311

ĊIRKOLARIJIET MILL-KURJA
Jum Dinji tal-Morda bil-Lebbra (Ċirkolari nru 408) 320
Jum l-Għaqdiet u Movimenti (Ċirkolari nru 409) 321
Ġimgħa ta' Sagrifiċċju (Ċirkolari nru 410) 322
Radd ta' ħajr għal iffirmar ta' Digrieti dwar fejqan (Ċirkolari nru 411) 323

DOKUMENTI OĦRA TAL-KURJA
Logo għaż-Żjara tal-Papa 324
Fejqan bl-Interċessjoni ta' Nazju Falzon u ieħor bl-Interċessjoni ta' Adeodata Pisani dikjarati bħala Medikament Inspjegabbli 325
Tħejjija Pastorali għaż-Żjara tal-Papa 327
Lm43,000 għat-Terremotati fl-Indja u El Salvador 328
L-Assemblea tas-Sinodu se tiltaqa' f'Pentekoste 329
L-Arċisqof: It-temi tas-Sinodu Djoċesan huma l-Proġett Ewlieni tal-Knisja fis-sentejn li ġejjin 331
Beatifikazzjoni ta' Saċerdot Spanjol ta' Nisel Malti 336
Id-Diskors ta' l-Arċisqof fis-Sena Elfejn Miġbura fi Ktieb 337
Parir tal-Kardinali lill-Papa li l-Ven. Adeodata Pisani għexet il-Virtujiet Teologali u Kardinali b'Mod Erojku 338
L-Isqof Joseph Grech jibda l-Ħidma fid-Djoċesi ta' Sandhurst 339

Dokumenti tal-Kappillani biex jinkuraġġixxu d-Diskussjoni dwar il-Problemi fil-Festi 340
Kjarifika dwar il-Bini tat-Tribuna tal-Papa 346
Tlugħ bil-Polza għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja 347
Ftehim bejn il-Kumitat Organizzattiv u l-Kunsill Lokali Floriana dwar it-Tribuna tal-Papa 348
Laqgħa dwar il-Knisja u l-Isfidi ta' l-Integrazzjoni Ewropea 349
It-Tagħlim li l-Papa hu Vigarju ta' Kristu huwa Tagħlim Uffiċjali tal-Knisja 350
Kjarifika dwar ex-Koordinatur fil-Kawża għall-Beatifikazzjoni ta' Adeodata Pisani 351
It-Teologi jiddikjaraw li Fejqan bl-Interċessjoni tal-Ven. Adeodata Pisani kien Mirakoluż 352
It-Teologi jiddikjaraw li Fejqan bl-Interċessjoni tal-Ven. Nazju Falzon kien Mirakoluż 353
Esumazzjoni tal-Ven. Nazju Falzon 354
Il-Venerabbli Nazju Falzon 356
Tberik tal-Knisja l-Ġdida f'Pembroke 359
Stqarrija ta' l-Isqfijiet Maltin dwar il-Ħsara fl-Imnajdra 360
Żewġ Każi ta' Fejqan bl-Interċessjoni ta' Nazju Falzon u ta' Adeodata Pisani Konfermati bħala Mirakolużi 361
Imorru Ruma għall-Iffirmar mill-Papa tad-Digriet dwar Mirakli bl-Interċessjoni ta' Nazju Falzon u Adeodata Pisani 363
Il-Papa japprova d-Digrieti tal-Mirakli bl-Interċessjoni ta' Nazju Falzon u Adeodata Pisani 364
Ittra Pastorali dwar Żjara tal-Papa 2001 365

SAĊERDOTI U RELIĠJUŻI LI MIETU FIS-SENA 2000 368

# ITTRA
# tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II lis-Saċerdoti għal Ħamis ix-Xirka 2001

Għeżież Ħuti fis-Saċerdozju!

1. Fil-jum li fih il-Mulej Ġesù ta lill-Knisja r-rigal ta' l-Ewkaristija u magħha waqqaf is-Saċerdozju tagħna, jiena ma nistax ma nindirizzax lilkom – kif inhi issa tradizzjonali – kelma ta' ħbiberija u nista' ngħid ta' intimità, waqt li nixtieq ningħaqad magħkom f'ringrazzjament u tifħir.

*Lauda Sion, Salvatorem, lauda ducem et pastorem, in hymnis et canticis!* Kbir tassew hu l-misteru li tiegħu aħna sirna ministri. Misteru ta' mħabba bla qies, għax "ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, hu ħabbhom sa l-aħħar (Ġw 13:1); misteru ta' umiltà, li mill-għajn tal-ħajja Trinitarja hija mferrgħa fuqna biex tagħmilna "wieħed" fid-don ta' l-Ispirtu s-Santu (cf. Ġw. 17); misteru ta' *diakonia* divina li ġagħlet lill-Kelma li saret bniedem li jaħsel is-saqajn tal-ħolqien tiegħu, b'hekk juri li l-qadi huwa t-triq ewlenija fir-relazzjonijiet ġenwini kollha bejn il-bnedmin: "Intom ukoll għandkom tagħmlu bħalma għamiltilkom jien" (Ġw 13:15).

Ta' dan il-misteru kbir, aħna sirna, b'mod speċjali, xhieda u ministri.

2. Dan hu l-ewwel Ħamis ix-Xirka wara l-Ġublew il-Kbir. Dak li aħna qsamna flimkien fl-esperjenza mal-komunitajiet tagħna, f'dik iċ-ċelebrazzjoni speċjali tal-ħniena elfejn sena wara t-twelid ta' Ġesù, issa jsir inċentiv biex inkomplu l-vjaġġ. *Duc in altum!* Il-Mulej jistedinna biex naqdfu 'l barra, bil-fiduċja fil-kelma tiegħu. Ejjew nitgħallmu mill-esperjenza tal-Ġublew u nipperseveraw fil-ħidma li nagħtu xiehda ta' l-Evanġelju bl-entużjażmu li l-kontemplazzjoni tal-wiċċ ta' Kristu tnissel fina.

3. Il-lum nixtieq li nesprimi lil kull wieħed minnkom il-gratitudni tiegħi għal dak kollu li għamiltu matul is-Sena tal-Ġublew biex niżguraw li l-insara fdati f'idejna jistgħu jkollhom esperjenza aktar intensa tal-preżenza li ssalvana ta' Kristu Rxoxt.. F'dan iż-żmien qed naħseb ukoll dwar ix-

xogħol li tagħmlu ta' kuljum, xogħol li ta' spiss huwa moħbi u mhux magħruf pubblikament li jġiegħel biex is-saltna ta' Alla tasal fl-imħuħ u fil-qlub tal-bnedmin. Irridkom tkunu tafu bl-ammirazzjoni tiegħi lejn dan il-ministeru umli, tenaċi u kreattiv, ukoll jekk xi drabi hu mxarrab b'dawk id-demgħat tar-ruħ li Alla biss jara u jiġma' fil-flixkun tiegħu (cf Salm 56:8). Il-ministeru tagħkom isir aktar tal-għaġeb meta huwa mgarrab mir-reżistenza ta' ambjent għal kollox sekularizzat li jaħkem fuq il-ħidma saċerdotali u li jwassal għat-tentazzjonijiet ta' l-għeja u ta' l-iskuraġġiment. Intom tafu sewwa li dan l-impenn ta' kuljum huwa prezzjuż f'għajnejn Alla.

Fl-istess ħin, jien nixtieq nirrepeti l-leħen ta' Kristu li kontinwament isejħilna biex insaħħu r-relazzjonijiet tagħna miegħu: "Ara, jiena fil-bieb, u qiegħed inħabbat" (Apok 3:20).Magħżula biex inxandru lil Kristu, aħna l-ewwel fost kulħadd mistiedna biex ngħixu f'intimità miegħu : ma nistgħux nagħtu lill-oħrajn dak li aħna stess ma għandniex! Hawn għatx għal Kristu, li minkejja ħafna apparenzi fil-kuntrarju, jidher ukoll fis-soċjetà ta' żmienna; huwa preżenti fost il-forom kollha ġodda u differenti ta' spiritwalità, jista' jidher ukoll fejn, fuq suġġetti importanti ta' etika, ix-xiehda tal-Knisja ssir sinjal ta' kontradizzjoni. Dan il-għatx għal Kristu – kemm jekk magħruf u kemm le – ma jistax jinqata' bi kliem fil-vojt. Xhieda awtentiċi biss jistgħu jikkomunikaw b'mod li jitwemmen il-kelma li ssalva.

4. Fl-Ittra Appostolika tiegħi *Novo Millennio Ineunte* , jiena għedt li l-wirt tassew tal-Ġublew il-Kbir huwa l-esperjenza ta' laqgħa aktar intensa ma' Kristu. Minn fost il-ħafna aspetti ta' din il-laqgħa, il-lum nixtieq nagħżel għal din ir-riflessjoni s-suġġett tar-*rikonċiljazzjoni sagramentali* : din ukoll kienet aspett ċentrali tas-Sena tal-Ġublew, ukoll għax hija marbuta mill-qrib mar-rigal ta' l-indulġenza tal-Ġublew.

Hawnhekk f'Ruma u jiena żgur li intom ukoll kellkom l-istess esperjenza fil-Knejjes lokali tagħkom, *waħda mill-wirjiet l-aktar viżibbli tal-Ġublew* kienet ċertament in-numru eċċezzjonali ta' nies li rċevew is-Sagrament tal-ħniena. Ukoll osservaturi li mhumiex reliġjużi kienu impressjonati b'dan. Il-konfessjonarji f' San Pietru u fil-Bazilki l-oħra kienu bħallikieku ffollati mill-pellegrini, li ta' spiss kellhom jistennew fi kjuwijiet twal, jistennew bil-paċenzja meta jkun imisshom. . L-interess li wrew iż-żgħażagħ f'dan is-Sagrament matul il-ġimgħa sabiħa tal-Ġublew tagħhom kien partikularment sinjifikanti.

5. Kif tassew tafu, fl-aħħar għaxriet ta' snin dan is-Sagrament għadda minn ċerta kriżi minħabba numru ta' raġunijiet. Preċiżament biex isib soluzzjoni għal din il-kriżi, fl-1984 tlaqqa' Sinodu li l-konklużjonijiet tiegħu ġew ippreżentati fl-Eżortazzjoni Appostolika Post-Sinodali *Reconciliatio et Poenitentia.*

Tkun ħaġa ħafifa li taħseb li ż-żieda biss tal-prattika tas-Sagrament tal-maħfra matul is-Sena tal-Ġublew hija prova ta' bidla definittiva. Madankollu kien sinjal li jagħmlilna kuraġġ. Iġagħalna nagħrfu li *l-bżonnijiet profondi ta' l-ispirtu uman* li għalih wieġeb il-pjan tas-salvazzjoni ta' Alla, *ma jistax jitħassar bi kriżijiet temporanji.* Għandna naċċettaw din l-indikazzjoni tal-Ġublew bħala sinjal mill-għoli, u nqisuha bħala raġuni għall-kuraġġ mill-ġdid biex nerġgħu nipproponi t-tifsira u l-prattika ta' dan is-Sagrament.

6. Iżda mhux biss fuq il-problemi pastorali li nixtieq inkellimkom. Ħamis ix-Xirka, il-jum speċjali tal-vokazzjoni tagħna, isejħilna biex nirriflettu fuq kollox fuq "min aħna" u partikularment fuq il-mixja tagħna lejn il-qdusija. Iż-żelu appostoliku jfur minn din l-għajn ukoll.

Għalhekk waqt li nħarsu lejn Kristu fl-Aħħar Ċena, waqt li jsir għalina, "il-ħobż li jinqasam", waqt li jitbaxxa fil-qadi umli f'riġlejn l-Appostli, kif jista' jkun li ma nurux flimkien ma' Pietru *l-istess sentiment li ma jistħoqqilniex* quddiem il-kobor tar-rigal li rċevejna? "Ma jkun qatt li inti taħsilli saqajja!" (Ġw 13:8) Pietru żbalja li jirrifjuta l-għemil ta' Kristu. Iżda kellu raġun li jħossu ma jistħoqqlux dan. Huwa importanti f'dan il-jum ta' l-imħabba *per eccellenza* li għandna nħossu l-grazzja tas-saċerdozju bħala sopra abbundanza tal-ħniena.

Il-ħniena hija assolutament inizjattiva ħielsa li biha Alla għażilna. "Mhux intom għażiltu lili iżda jien għażilt lilkom" (Ġw 15:16).

Bil-ħniena huwa jindenja ruħu li jsejħilna biex naġixxu bħala rappreżentanti tiegħu għalkemm hu jaf li aħna midinbin.

Il-ħniena hija l-maħfra li qatt ma jiċħadhielna bħalma ma ċaħadhiex lil Pietru wara li ċaħdu. Il-wegħda li "jkun hemm aktar ferħ fil-ġenna għal midneb wieħed li jindem milli għal disgħa u disgħin bniedem ġust li ma għandhomx bżonn ta' l-indiema" (Lq 15:7) tgħodd għalina wkoll.

7. Ejjew mela nagħrfu mill-ġdid il-vokazzjoni tagħna bħala "misteru ta' ħniena". Fl-Evanġelju nsibu li Pietru jirċievi l-ministeru speċjali tiegħu

preċiżament b'din l-attitudni spiritwali. L-esperjenza tiegħu hija indikattiva għal dawk kollha li rċevew il-ministeru appostoliku fil-gradi differenti tas-Sagrament ta' l-Ordni.

Il-ħsibijiet tagħna jduru lejn ix-xena tal-*qabda mirakuluża tal-ħut* kif jiddeskriviha Luqa fl-Evanġelju tiegħu (Lq 5:1-11). Ġesù jitlob minn Pietru att ta' fiduċja fil-kelma tiegħu, meta jistiednu biex jaqdef 'il barra fil-fond għal qabda. Talba li tiskunċerta lil dak li jkun, nitkellmu ta' bnedmin : wara lejl bla rqad u ta' taħbit jixħtu x-xbiek bla ma qabdu xejn, kif wieħed seta' jemmnu? Imma li terġa' tipprova "għall-kelma ta'Ġesù", kollox jinbidel. Il-ħut jasal fi kwantitajiet hekk kbar li x-xbiek tagħhom kien għoddu nqasam. Il-Kelma turi l-qawwa tagħha. Ir-riżultat huwa tal-għaġeb, imma wkoll ta' biża' u tregħid, bħal meta nintlaqtu għal għarrieda minn raġġ qawwi ta' dawl li jikxef il-limiti personali kollha tagħna. Pietru jgħajjat: "Tbiegħed minni, Mulej, għax jiena bniedem midneb" (Lq 5:8). Iżda lanqas laħaq ammetta dan meta l-ħniena tal-Mulej issir għalih il-bidu ta' ħajja ġdida: "Tibżax; minn issa 'l quddiem tkun taqbad in-nies" (Lq 5:10). Il-"midneb" isir ministru tal-ħniena. Minn sajjied tal-ħut għal "sajjied tal-bnedmin".

8. Għeżież saċerdoti, dan hu misteru kbir. *Kristu ma beżax jagħżel il-ministri tiegħu minn fost il-midinbin.* Mhijiex din l-esperjenza tagħna stess? Huwa Pietru għal darba oħra li jsir konxju aktar ta' dan fi djalogu mqanqal ma' Ġesù wara l-Qawmien. Qabel ma fdalu l-mandat biex jieħu ħsieb il-merħla, l-Imgħallem jagħmillu mistoqsija mbarazzanti: "Xmun, bin Ġona, inti tħobbni aktar minn dawn?" (Ġw 25:15) Dak li qed jiġi mistoqsi hu l-istess bniedem li ftit jiem qabel kien ċaħdu għal tliet darbiet. Hija ħaġa ħafifa li tifhem it-ton umli tat-tweġiba: "Mulej, inti taf kollox, inti taf li nħobbok" (Ġw 21:17). U fuq il-bażi ta' din l-imħabba, li taf biżżejjed il-fraġilità tagħha, imħabba mistqarra bit-tama u bl-eżitazzjoni li Pietru jirċievi l-mandat: "Irgħa l-ħrief tiegħi", "irgħa n-ngħaġ tiegħi" (Ġw 25:15,16,17). Ibbażata fuq din l-imħabba, imsaħħa bin-nar ta' Għid il-Ħamsin, illi Pietru jkun jista' jwettaq il-ministeru fdat f'idejh.

9. U mhux ukoll bl-esperjenza tal-ħniena li twieldet *il-vokazzjoni ta' Pawlu?* Hadd ma kellu l-esperjenza tal-ġenerożità tal-għażla ta' Kristu hekk ċara daqskemm kellu hu. L-imgħoddi tiegħu bħala persekutur feroċi tal-Knisja baqgħet tniggżu fil-qiegħ ta' ruħu: "Jiena l-inqas wieħed fost

l-appostli u ma jistħoqqlix li nissejjaħ appostlu għaliex kont naħqar il-Knisja ta' Alla (1Kor 15:9). Iżda minflok li toħnoq il-ħeġġa tiegħu, din it-tifkira għamlitha tiżdied. Iżjed ma kien imħaddan mill-ħniena, aktar Pawlu ħass il-ħtieġa li jagħti xiehda għaliha u jħalliha tiddi f'ħajtu. Il-"leħen" li kellmu fit-triq lejn Damasku, wasslu sal-qalba ta' l-Evanġelju u għenu jiskopri l-Evanġelju bħala l-imħabba kollha ħniena tal-Missier li fi Kristu qiegħed jirrikonċilja d-dinja miegħu. B'dan il-mod, Pawlu jasal biex jagħraf ukoll *is-servizz appostoliku bħala ministeru ta' rikonċiljazzjoni:* "Kollox ġej minn Alla li ħabbibna miegħu nnifsu permezz ta' Kristu u tana l-ministeru ta' din il-ħbiberija tal-bnedmin ma' Alla. Alla kien li ħabbeb il-ħolqien miegħu nnifsu permezz ta' Kristu, bla ma qagħad iżomm il-kont ta' dnubiethom, u fdalna l-ministeru ta' din il-ħbiberija" (2 Kor 5: 18-19).

10. Għeżież Saċerdoti, ix-xiehda ta' Pietru u Pawlu għandha pariri li jiswew għalina. Ħajjithom tistedinna biex ngħixu d-don tal-ministeru b'sens ta' ringrazzjament bla tarf. Xejn ma jiddependi mill-merti tagħna, il-grazzja kollox. L-esperjenza taż-żewġ Appostli timbottana biex nintelqu fil-ħniena ta' Alla, biex nafdaw f'idejh b'sogħba sinċiera d-debbolizzi tagħna u bil-grazzja tiegħu nerġgħu naqbdu l-mixja tagħna lejn il-qdusija. Fin-*Novo Millennio Ineunte,* jiena indikajt l-impenn għall-qdusija bħala l-ewwel element ta' kull "pjan" pastorali għaqli. Hija l-ħidma bażika ta' dawk kollha li jemmnu, mela kemm għandha tkun tagħna (cf. 30-31)!

Għal din ir-raġuni vera hu importanti għalina li niskopru mill-ġdid is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni bħala mezz fundamentali tal-qdusija tagħna. Waqt li nersqu lejn saċerdot bħalna biex nitolbu l-assoluzzjoni li ta' spiss nagħtu lill-fidili, iġġagħalna ngħixu l-verità kbira u ta' konsolazzjonu, li qabel ma aħna ministri, aħna lkoll membri ta' l-istess poplu, poplu "mifdi". Dak li Wistin qal dwar il-ħidma tiegħu bħala isqof, huwa veru wkoll dwar is-servizz tas-saċerdoti. "Jekk jiena ħerqan li nkun għalikom, jiena mfarraġ li jiena magħkom. Għalikom jiena isqof, magħkom jiena nisrani. F'ta' l-ewwel hemm u l-periklu, f'tat-tieni hemm is-salvazzjoni" (Diskorsi, 340,1). Hija ħaġa sabiħa li nistgħu nqerru dnubietna, u li nisimgħu bħal balzmu l-kelma li timliena bil-ħniena u tibgħatna mill-ġdid fi triqitna. Dawk biss li saru jafu kif il-Missier iħaddanna bl-imħabba bħalma l-Evanġelju jiddiskrivi fil-parabbola ta' l-

Iben il-Ħali – "huwa ħaddnu u biesu" Lq15:20) – huma biss jistgħu jwasslu lil ħaddieħor l-istess imħabba, meta wara li huma nfushom jirċievu l-maħfra, huma jwassluha lil ħaddieħor.

11. F'dan il-jum qaddis, għalhekk ejjew nitolbu lil Kristu jgħinna biex niskopru mill-ġdid għalina nfusna s-sbuħija sħiħa ta' dan is-sagrament. Mhux Ġesù nnifsu għen lil Pietru biex jagħraf dan? "Jekk ma naħsillekx saqajk, ma jkollokx x'taqsam miegħi" (Ġw 13:8). Ġesù tassew ma kienx qed jirreferi direttament għas-Sagrament tar-Rikonċilljazzjoni iżda f'ċertu sens kien qed iwassal għalih, waqt li juri l-proċess tat-tisfija li kellu jibda bil-mewt tiegħu li biha fdiena u għall-applikazzjoni tagħha sagramentali lill-bnedmin matul iż-żminijiet.

Għeżież saċerdoti, ejjew nersqu regularment lejn dan is-Sagrament, biex il-Mulej isaffi dejjem lil qlubna u jagħmilna aktar denji tal-misteri li aħna niċċelebraw. Billi aħna msejħa biex nuru l-wiċċ tar-Ragħaj it-Tajjeb u hekk ikollna l-qalb ta' Kristu nnifsu, aħna aktar minn ħaddieħor għandna nagħmlu tagħna l-għajta ħerqana tas-Salmista:"Oħloq fija qalb safja, o Alla, u spirtu qawwi ġedded fija" (Salm 51:12). Is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, essenzjali għal kull ħajja nisranija, huwa speċjalment għajn ta' *għajnuna, gwida u fejqan għall-ħajja saċerdotali.*

12. Is-saċerdot li għandu esperjenza sħiħa tal-ferħ tar-rikonċiljazzjoni sagramentali jqis għal kollox normali li jirrepeti lil ħutu, irġiel u nisa l-kliem ta' Pawlu: "Aħna ambaxxaturi ta' Kristu, bħallikieku Alla stess qiegħed isejħilkom permezz tagħna. Nitlobkom f'ġieħ Kristu, ħallu lil Alla jħabbibkom miegħu" (2 Kor 5:20).

Il-kriżi tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni li jiena semmejt fil-bidu hija ġejja minn ħafna fatturi; mis-sens dejjem jonqos tad-dnub sar-realizzazzjoni inadegwata ta' l-ekonomija sagramentali tas-salvazzjoni ta' Alla. Iżda forsi għandna nagħrfu wkoll li fattur ieħor li xi drabi jaħdem kontra dan is-sagrament ikun ċertu tnaqqis ta' l-entużjażmu u tad-dispożizzjoni tagħna fl-eżerċizzju ta' dan il-ministeru delikat u eżiġenti.

Għall-kuntrarju, issa aktar minn qatt qabel il-Poplu ta' Alla għandu jiġi megħjun biex jiskopri mill-ġdid dan is-sagrament. Jeħtieġ li niddikjaraw b'qawwa u b'konvinzjoni illi s-sagrament tal-Penitenza huwa l-mezz ordinarju biex tinqala' l-mahfra ta' dnubiet gravi magħmula wara l-Magħmudija. Aħna għandna niċċelebraw dan is-Sagrament bl-aħjar mod

possibli, *skond il-forom imnizzla fil-liġi liturġika,* biex ma jonqos xejn mill-karattru tiegħu bħala ċelebrazzjoni tal-ħniena ta' Alla.

13. Għajn ta' fiduċja mġedda fit-tiġdid ta' dan is-sagrament hija mhux biss il-fatt li minkejja ħafna nuqqasijiet ta' qbil, *ħtieġa ġdida u urġenti għall-ispiritwalità* qiegħda tixtered ħafna fis-soċjetà. Hemm ukoll *bżonn li qed jinħass ħafna għal kuntatt interpersonali* li l-esperjenza tiegħu qed tiżdied bħala reazzjoni għall-massa anonima tas-soċjetà li bosta drabi tħalli l-bnedmin interjorment iżolati, ukoll meta tinvolvihom fil-għaġla ta' relazzjonijiet purament funzjonali. Obvjament il-qrara sagramentali ma għandhiex titħallat ma' sistema ta' għajnuna jew ma' psikoterapija. Iżda lanqas ma għandna nnaqqsu l-fatt li s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, meta ċċelebrat sewwa, għandu wkoll effett li jolqot il-bżonnijiet tal-bniedem, u li hu f'armonija perfetta ma' l-iskop primarju li jirrikonċilja l-bniedem ma' Alla u mal-Knisja.

Hawn ukoll hu importanti li l-ministru tar-Rikonċiljazzjoni jaqdi sewwa r-rwol tiegħu. Il-kapaċità tiegħu li jilqa' bil-ħlewwa, li lest biex jisma', u li jiddjaloga, ukoll li hu dejjem lest u pront, hija essenzjali biex il-ministeru tar-rikonċiljazzjoni jkun jidher fil-valur sħiħ tiegħu. It-tħabbira fidila u ċara tal-ħtiġiet radikali tal-kelma ta' Alla għandha tkun dejjem imsieħba minn fehma sħiħa u sensittiva, f'imitazzjoni tal-mod stess ta' Ġesù kif kien jaġixxi mal-midinbin.

14. Hemm bżonn ukoll li tingħata attenzjoni biżżejjed lill-forma liturġika tas-Sagrament. *Is-Sagrament jifforma parti mill-istruttura ta' komunjoni li hi l-marka tal-Knisja.* Id-dnub innifsu ma jistax jiftiehem sewwa jekk jidher b'mod purament "privat", waqt li wieħed jinsa li bla dubju jeffettwa l-komunità kollha u jbaxxi l-livell tal-qdusija fiha. Mhux biss, l-offerta tal-maħfra tesprimi misteru ta' solidarjetà sopranaturali billi t-tifsira sagramentali tistrieħ fuq l-għaqda profonda bejn Kristu r-Ras u l-membri tal-Ġisem tiegħu.

Huwa estremament importanti li wieħed jgħin lill-poplu jerġa' jagħraf l-aspett "komunitarju" tas-Sagrament, ukoll permezz ta' ċelebrazzjonijiet ta' penitenza komunitarja li jintemmu bi qrara individwali u assoluzzjoni. Din l-għamla ta' ċelebrazzjoni tgħin lill-fidili biex japprezzaw aħjar id-dimensjoni doppja ta' rikonċiljazzjoni u tgħinhom aktar effettivament biex isegwu t-triq tal-penitenza fl-għana kollu tagħha li tagħti mill-ġdid il-ħajja.

15. Imbagħad hemm ukoll il-problema fundamentali tat-tagħlim kateketiku dwar il-kuxjenza morali u d-dnub, biex il-poplu jkollu idea aktar ċara tat-talbiet radikali ta' l-Evanġelju. Sfortunatament teżisti tendenza li tnaqqas din l-importanza u b'hekk ma tħallix is-Sagrament li jipproduċi l-benefiċċi kollha li nistgħu nittamaw. Bosta mill-fidili għandhom idea tad-dnub *li mhix bażata fuq l-Evanġelju iżda fuq konvenzjoni komuni,* fuq dak li hu aċċettabbli soċjalment. Dan iġagħalhom iħossu li mhumiex partikularment responsabli għal ħwejjeġ li "kulħadd jagħmilhom", u aktar u aktar jekk dawn il-ħwejjeġ huma permessi bil-liġi ċivili.

L-Evanġelizzazzjoni fit-tielet millennju teħtieġ li tilqa' għall-bżonn urġenti tal-preżentazzjoni tal-messaġġ Evanġeliku li hu dinamiku, komplet u eżiġenti. Il-ħajja nisranija li għaliha wieħed għandu jimmira ma tistax tkun ridotta għal impenn medjokri ta' "tjubija" bħalma s-soċjetà tiddefiniha; jeħtieġ li tkun tiftixa vera għall-qdusija. Għandna bżonn naqraw mill-ġdid b'entużjażmu frisk il-ħames kapitlu ta' *Lumen Gentium*, li jittratta s-sejħa universali għall-qdusija. Li wieħed ikun nisrani jfisser li jirċievi "don" ta' grazzja santifikanti li ma tistax tonqos li ssir "impenn" li twieġeb personalment għal dak id-don fil-ħajja ta' kuljum. Huwa preċiżament għal din ir-raġuni li jiena fittixt matul is-snin li nħeġġeġ tagħrif akbar tal-qdusija fl-ambjenti kollha li kienet tidher, biex l-insara jkunu jistgħu jkollhom mudelli differenti ta' qdusija u lkoll ikunu jistgħu jiftakru li huma msejħa personalment għal dan il-għan.

16. Għeżież Ħuti Saċerdoti, ejjew nimxu 'l quddiem fil-ferħ tal-ministeru tagħna, waqt li nafu li għandna ma' ġenbna Wieħed li sejħilna u ma jabbandunaniex. Jalla ċ-ċertezza tal-preżenza tiegħu ssaħħaħna u tfarraġna.

Jalla f'Ħamis ix-Xirka jkollna sens aktar ċar ta' din il-preżenza waqt li nikkontemplaw b'emozzjoni sħiħa s-sejħa meta Ġesù, fil-Kamra ta' Fuq ta lilu nnifsu lilna taħt ix-xbihat tal-ħobż u ta' l-inbid huwa u jantiċipa s-sagrifiċċju tas-salib. Is-sena l-oħra jiena ktibtilkom mill-istess Kamra ta' Fuq, waqt iż-żjara tiegħi fl-Art Imqaddsa. Kif nista' ninsa dak il-mument kommoventi? Qiegħed nerġa' ngħixu l-lum, mhux mingħajr dieqa għall-qagħda traġika li għadha teżisti fl-art ta' Kristu.

Il-post tal-laqgħa spiritwali tagħna f'Ħamis ix-Xirka għadu hemm, fil-Kamra ta' Fuq, waqt li niċċelebraw f'għaqda ma l-Isqfijiet fil-Katidrali

tad-dinja kollha l-misteru tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu u niftakru b'radd il-ħajr fit-twaqqif tas-Saċerdozju tagħna.

Bil-ferħ ta' dan id-don hekk kbir li aħna lkoll irċevejna, jiena nħaddankom ilkoll u nagħtikom il-barka tiegħi.

*Mill-Vatikan, fil-25 ta' Marzu, ir-Raba' Ħadd tar-Randan, fis-sena 2001, it-tlieta u għoxrin tal-Pontifikat tiegħi.*

ĠWANNI PAWLU II

Traduzzjoni tal-Kanonku Fr. Karm Zammit

**Ċirkolari Numru 408**

# JUM DINJI TAL-MORDA BIL-LEBBRA

Peress li nhar il-Ħadd, 28 ta' Jannar 2001, se jinżamm il-Jum Dinji tal-Morda bil-Lebbra, fil-Quddies kollu tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd, 27 u 28 ta' Jannar għandha tiżdied ukoll din l-invokazzjoni fit-Talba tal-Fidili:

"Mulej, żomm taħt il-ħarsa ta' mħabba tiegħek lil ħutna fid-dinja kollha morda bil-lebbra, kif ukoll lill-familjari tagħhom u lil dawk kollha, tobba u infermieri, lajċi u reliġjużi, li b'tant imħabba jaħdmu fosthom għall-fejqan tagħhom jew biex itaffulhom it-tbatijiet tagħhom".

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 17 ta' Jannar 2001.

✠ Annetto Depasquale, *Isqof Awżiljarju, Vigarju Ġenerali*
Mons. Carmel Zammit, *Kanċellier*

**Ċirkolari Numru 409**

# JUM L-GĦAQDIET U MOVIMENTI 2001

Fit-tieni Ħadd tar-Randan, 11 ta' Marzu, se jiġi ċċelebrat **Jum l-Għaqdiet u Movimenti Kattoliċi**. Il-motto ta' din is-sena huwa: *Naħdmu favur il-Ħajja, il-Fqar u l-Familja.*

Bħala parti miċ-ċelebrazzjoni ta' dan il-Jum, fil-knejjes li fihom is-soltu ta' Ħamis issir Adorazzjoni ta' Ġesù Ewkaristija, xieraq li nhar il-Ħamis 8 ta' Marzu ssir Adorazzjoni b'dan il-għan. Il-Ġimgħa 9 ta' Marzu se jsir Seminar għad-Diriġenti tal-Għaqdiet u Movimenti. Waħda mill-quddisiet tas-Sibt fil-għaxija jew tal-Ħadd 10 u 11 ta' Marzu se tkun animata mill-Għaqdiet u l-Movimenti tal-Parroċċa flimkien.

Fit-Talba tal-Fidili fil-Quddies kollu tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd 10 u 11 ta' Marzu, għandha tiżdied din l-invokazzjoni:

"*Qajjem fostna, Mulej, lajċi mimlijin ħeġġa u mħabba lejn il-Knisja biex ikunu tabilħaqq il-melħ ta' l-art u d-dawl tad-dinja f'kull settur tal-ħajja*".

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 26 ta' Frar 2001.

✠ Annetto Depasquale, *Isqof Awżiljarju, Vigarju Ġenerali*
Mons. Carmel Zammit, *Kanċellier*

**Ċirkolari Numru 410**

# ĠIMGĦA TA' SAGRIFIĊĊJU 2001

Bħal snin oħra, is-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika se jorganizza "Ġimgħa ta' Sagrifiċċju" minn nhar il-Ġimgħa tad-Duluri, 6 ta' April sat-13 ta' April.

Għal dan l-iskop, f'kull knisja fl-Arċidjoċesi għandhom jitqegħdu kaxxi bil-kitba "Ġimgħa ta' Sagrifiċċju", matul il-ġimgħa kollha bejn is-6 ta' April u t-13 ta' April, biex nitfgħu l-offerti tagħna.

Bis-saħħa ta' l-offerti ġenerużi tagħna, speċjalment matul il-Ġimgħa tas-Sagrifiċċju, fis-snin li għaddew is-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika għen materjalment ħafna individwi u familji fil-parroċċi. Ħarreġ ukoll persuni u saħħaħ l-organizzazzjoni tiegħu biex jingħata servizz kemm jista' jkun wiesa' lil ħutna li jinħtieġu diversi forom ta' għajnuna.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili, Floriana, illum 26 ta' Marzu 2001.

✠ Annetto Depasquale, *Isqof Awżiljarju, Vigarju Ġenerali*
Mons. Carmel Zammit, *Kanċellier*

**Ċirkolari Numru 411**

# RADD TA' ĦAJR GĦAL IFFIRMAR TA' DIGRIETI DWAR FEJQAN

Għada, it-Tlieta, 24 ta' April 2001, il-Qdusija Tiegħu l-Papa se jiffirma Digrieti li bihom jiddikjara formalment illi fejqan ta' raġel li ma jistax jiġi spjegat skond ix-xjenza medika, kien fejqan mirakoluż li sar bl-interċessjoni tal-Venerabbli Qaddej t'Alla Nazju Falzon; kif ukoll li s-Serva ta' Alla Adeodata Pisani O.S.B. għexet b'mod erojku l-virtujiet teologali u kardinali, u li l-fejqan tal-Badessa Giuseppina Damiani minn infezzjoni gravi u tumur kien fejqan mirakoluż li sar bl-interċessjoni ta' l-istess Serva ta' Alla.

Monsinjur Arċisqof, filwaqt li b'ferħ iwassal din l-aħbar, jordna li:

1. Għada, it-Tlieta, 24 ta' dan, f'nofsinhar, tindaqq mota ta' kwarta mill-qniepen tal-knejjes parrokkjali kollha.
2. Fl-istess jum jinxtegħlu l-frontispizji u s-Slaleb tal-knejjes minn inżul ix-xemx sal-ħdax ta' bil-lejl (11.00 p.m.).
3. F'kull Parroċċa ssir Quddiesa ta' ringrazzjament f'jum u f'ħin adattat.

Monsinjur Arċisqof jordna wkoll li f'kull parroċċa, f'jum u f'ħin adattat, preferibilment nhar il-Ħamis, 26 ta' dan ix-xahar, issir siegħa adorazzjoni ewkaristika b'radd ta' ħajr lill-Mulej għall-iffirmar ta' dawn id-Digrieti.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 23 ta' April 2001.

Dun Anton Gouder, *Locum Tenens*
Dun Charles Bugeja, *A/Kanċellier*

# LOGO GĦAŻ-ŻJARA TAL-PAPA

Il-logo uffiċjali li ntagħżel għaż-żjara li l-Papa se jagħmel f'Malta f'Mejju 2001 jirrappreżenta r-rabta li hemm bejn il-Pellegrinaġġ Ġubilari li Ġwanni Pawli II se jagħmel fuq il-passi ta' San Pawl u l-Beatifikazzjoni ta' Dun Ġorġ Preca fil-waqfa tiegħu f'Malta waqt l-istess pellegrinaġġ.

Il-logo huwa xogħol l-artist u disinjatur Mario Borg.

Il-logo juri xini qed jofroq baħar imqalleb. Ix-xini jirrappreżenta l-miġja f'Malta ta' San Pawl, l-Evanġelizzatur tal-Mediterran. Jirrappreżenta wkoll il-mument li fih il-ġens Malti laqa' u ħaddan l-Evanġelju ta' Kristu.

Il-qlugħ tax-xini jirrappreżenta l-fidi tal-ġens Malti matul iż-żminijiet. Dan il-qlugħ hu marbut mal-baklu u l-Kurċifisss li juża l-Papa Ġwanni Pawlu II. Il-lewn abjad tal-qlugħ u l-lewn isfar tal-Kurċifiss jirrappreżentaw il-kuluri uffiċjali tas-Santa Sede.

Il-logo jippreżenta wkoll il-motto "Kunu ħbieb ta' l-Evanġelju", li hija waħda mill-iktar sejħiet li kienu għal qalb Dun Ġorġ Preca.

L-artist jippreżenta dan il-motto f'pożizzjoni li turih f'kontinwità mal-vjaġġ ta' San Pawl.

Żjara tal-Papa f'Malta • Mejju 2001
"Kunu Ħbieb ta' l-Evanġelju."
Dun Ġorġ Preca

# FEJQAN BL-INTERĊESSJONI TA' NAZJU FALZON U IEĦOR BL-INTERĊESSJONI TA' ADEODATA PISANI DIKJARATI BĦALA MEDIKAMENT INSPJEGABBLI

L-esperti mediċi li eżaminaw żewġ każi separati ta' fejqan straordinarju bl-interċessjoni tal-Venerabbli Nazju Falzon u tal-Venerabbli Marija Adeodata Pisani O.S.B. iddikjaraw li fiż-żewġ okkażjonijiet il-fejqan kien medikament inspjegabbli.

Kull każ ġie eżaminat minn ħames esperti mediċi li għamlu l-istudju tagħhom b'inkarigu tal-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin. Huma taw id-deċiżjoni tagħhom nhar it-Tnejn, 19 ta' Frar 2001.

## Il-każ bl-interċessjoni ta' Nazju Falzon

Il-każ ta' fejqan straordinarju bl-interċessjoni tal-Ven. Nazju Falzon huwa ta' raġel imwieled fl-1937, li għadu ħaj. Fit-3 ta' Ġunju 1981 ir-raġel ġie operat minħabba tumur. Instab li l-qagħda tiegħu kienet imwegħra ħafna. It-tobba kienu tal-fehma li ma kienx hemm tama li jfieq u jkompli jgħix. Sar talb bl-interċessjoni tal-Ven. Nazju Falzon. Ir-raġel jirrakkonta li minn dak il-ħin, intelaq f'idejn il-Mulej, jittama fl-interċessjoni tal-Ven. Nazju Falzon. Jirrakkonta wkoll li wara l-operazzjoni kien qed jgħix f'ċertu biża', iżda ma baqa' jħoss xejn. Fil-15 ta' Ġunju huwa ħareġ mill-isptar. Ir-raġel konċernat qatt ma għamel kura kimoterapewtika. It-tobba wara ddikjaraw li ma kien għad fadal xejn li juri li huwa kellu tumur.

Il-każ ta' dan ir-raġel ġie ppreżentat quddiem il-Kurja ta' l-Arċisqof f'Novembru 1996. Wara li saret il-konsultazzjoni medika li soltu ssir f'każi simili, fl-10 ta' Ottubru 1997 Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca ħatar Tribunal biex jiġbor it-tagħrif u x-xiehda meħtieġa skond in-normi tas-Sante Sede. Il-każ tressaq quddiem il-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin fil-11 ta' Ġunju 1999.

Fit-23 ta' Ottubru 1987, il-Ven. Nazju Falzon ġie ddikjarat li għex il-virtujiet teologali tal-fidi tama u mħabba lejn Alla u lejn għajru u l-virtujiet

kardinali ta' l-għaqal, ġustizzja, rażan u qawwa u l-virtujiet l-oħra marbuta magħhom b'mod erojku.

## Il-każ bl-interċessjoni ta' Adeodata Pisani

Il-każ ta' fejqan straordinarju bl-interċessjoni tal-Ven. Marija Adeodata Pisani huwa dak ta' Madre Badessa tal-Komunità ta' Subiaco li seħħ fis-sena 1897. Il-Madre Badessa kienet mardet serjament b'infezzjoni u tumur. Hija kienet waslet biex tmut u ngħatat l-aħħar sagramenti. Sar talb għall-fejqan bl-interċessjoni tal-Ven. Marija Adeodata Pisani u fl-24 ta' Novembru 1897, meta kulħadd kien qed jaħseb li se tmut, qamet mis-sodda mfejqa.

Id-dokumentazzjoni dwar dan il-fejqan tressaq l-ewwel darba quddiem il-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin fl-1912. Il-każ reġa' tressaq quddiem il-Kongregazzjoni fid-19 ta' Frar 1996.

Fit-13 ta' Frar 2001 il-Kummissjoni tat-Teologi tal-Kongregazzjoni tal-Qaddisin tat deċiżjoni unanima li ġie ppruvat li l-Ven. Marija Adeodata Pisani għexet l-virtujiet teologali u kardinali b'mod erojku. Dan il-każ issa jrid jitressaq quddiem il-Kongregazzjoni Ordinarja tal-Kardinali li jagħtu l-parir lill-Papa biex joħroġ id-digriet finali dwar dan.

## Quddiem it-telogi u l-Kardinali

Iż-żewġ każi ta' fejqan staordinarju issa se jitressqu għall-eżami ta' l-esperti teoloġiċi tal-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin u wara għall-ġudizzju definittiv tal-Kardinali. Jekk u meta l-każi jiġu approvati wkoll f'dawn iż-żewġ stadji, il-Ven. Nazju Falzon u l-Ven. Marija Adeodata Pisani jkunu waslu fl-istadju li jiġu beatifikati.

L-Isqfijiet Maltin qed jistiednu lill-membri kollha tal-Knisja f'Malta u Għawdex biex iroddu ħajr lil Alla għal dawn l-iżviluppi sbieħ u ta' ferħ, kif ukoll biex ikomplu jitolbu ħalli jekk hija r-rieda tal-Mulej, il-Ven. Nazju Falzon u l-Ven. Marija Adeodata Pisani jiġu beatifikati.

# TĦEJJIJA PASTORALI GĦAŻ-ŻJARA TAL-PAPA

Bħala parti mit-tħejjija pastorali għaż-żjara li l-Papa se jagħmel f'Malta f'Mejju li ġej, f'kull parroċċa f'Malta u Għawdex se jsiru tnejn jew tliet attivitajiet, skond id-daqs tal-parroċċa, li jieħdu ħsiebhom l-Oqsma tas-Soċjeta tal-MUSEUM bi ftehim mal-Kappillan tal-post.

L-inizjattivi fuq livell parrokkjali se jkunu jinkludu laqgħat ta' tagħlim, adorazzjoni b'talb ta' Dun Ġorġ Preca, u preżentazzjonijiet viżivi msieħba minn diskussjonijiet.

Bi tħejjija għall-Eżerċizzi Spiritwali u l-Omeliji ta' żmien ir-Randan, is-saċerdoti se jingħataw kwotazzjonijiet mill-kitba ta' Dun Ġorġ, li jittrattaw il-kobor ta' Alla, id-dnub u l-indiema, l-intenzjoni retta, il-manswetudni, ir-rabta mal-Papa u l-Knisja, u l-imħabba għat-tagħlim.

Il-programm ta' inizjattivi pastorali jinkludi wkoll posters fil-parroċċi, skejjel u postijiet oħra bi kwotazzjonijiet qosra ta' Dun Ġorġ; ktieb għat-tfal; u ktieb f'kull familja.

Se jsiru wkoll żewġ ċelebrazzjonijiet djoċesani ta' talb. L-ewwel ċelebrazzjoni se tkun f'forma ta' pellegrinaġġ nazzjonali nhar l-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa (11 ta' April). It-tieni ċelebrazzjoni tkun fil-5 ta' Mejju, fl-Imdina. Il-programmi ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet jitħabbru fil-ġejjieni.

Il-Koordinatur tat-tħejjija pastorali għaż-żjara tal-Papa huwa Dun Anton Gouder, Segretarju Pastorali, membru tal-Kumitat Organizzattiv.

# Lm43,000 GHAT-TERREMOTATI FL-INDJA U EL SALVADOR

Il-flus li l-Caritas Malta ġabret għall-vittmi tat-terremot fl-Indja s'issa laħqu Lm25,000, waqt li l-flus għall-vittmi tat-terremot f'El Salvador laħqu Lm18,000.

L-ammonti konċernati qed jintbagħtu lill-Caritas Indja u lil Caritas El Salvador.

Il-Fondi tal-Caritas għal għajnuna lill-vittmi ta' dawn iż-żewġ terremoti għadhom miftuħin.

# L-ASSEMBLEA TAS-SINODU SE TILTAQA' F'PENTEKOSTE

L-Assemblea Sinodali ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta se tiltaqa' għall-ewwel darba waqt Ċelebrazzjoni Djoċesana li se ssir nhar is-Sibt, 2 ta' Ġunju 2001, Vġili ta' Pentekoste. L-aħbar qed tingħata lill-membri tal-Knisja f'Malta fil-Quddies ta' tmiem din il-ġimgħa, is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd, 24 u 25 ta' Frar.

L-Assemblea Djoċesana tas-Sinodu tkun ifformata minn għadd ta' lajċi, persuni ta' ħajja kkonsagrata u saċerdoti li jinġabru madwar Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca biex jiddiskutu l-ħajja tal-Knisja fl-oqsma differenti tagħha, ħalli l-Knisja tkun tista' taqdi aħjar il-missjoni tagħha. Uħud mill-persuni li jifformaw l-Assemblea se jkunu persuni li jissejħu biex jieħdu sehem fid-dawl tal-kariga li jkollhom fi ħdan il-Knisja. Oħrajn ikunu eletti. Oħrajn ikunu nominati mill-Arċisqof.

Id-diskussjoni ta' l-Assemblea se tkun fuq suġġetti li ħarġu mill-konsultazzjoni wiesgħa li saret mal-poplu, l-iżjed fis-sena 2000.

Din hija l-ewwel darba mill-Konċilju Vatikan II 'il hawn li se tiltaqa' l-Assemblea tas-Sinodu. Hija wkoll l-ewwel darba fl-istorja ta' l-Arċidjoċesi li f'din l-Assemblea se jieħdu sehem għadd kbir ta' lajċi.

Bi tħejjija għall-Assemlea tas-Sinodu, Monsinjur Arċisqof se jiltaqa' mal-mexxejja ta' l-oqsma differenti fil-ħajja tal-Knisja f'Malta u ma' persuni oħrajn li se jkunu fl-Assemblea tas-Sinodu. Din il-laqgħa ssir nhar it-Tlieta, 27 ta' Frar 2001, fis-Seminarju, Tal-Virtù, fis-6.30 p.m. Fil-laqgħa l-Arċisqof se jħabbar it-temi li se jkunu fuq l-aġenda tas-Sinodu. Se jiġi mfisser ukoll kif il-Knisja kollha se tkompli tieħu sehem f'din l-esperjenza.

Fil-laqgħa tas-27 ta' Frar se jieħdu sehem id-Delegati ta' l-Arċisqof, il-Presidenti tal-Kummissjonijiet Djoċesani, il-Kunsill Presbiterali Djoċesan, il-Kunsill Pastorali Djoċesan, il-Kapitlu Metropolitan, il-Kappillani, is-Superjuri Maġġuri tar-Reliġjużi, l-Istituti Sekulari, il-Forum ta' l-Għaqdiet u l-Movimenti Kattoliċi, il-Presidenti Ġenerali ta' l-Għaqdiet u l-Movimenti Kattoliċi u l-Kummissjoni Organizzattiva għas-Sinodu.

Is-Sinodu Djoċesan beda fid-29 ta' Settembru 1999. L-ewwel fażi

tiegħu kienet konsultazzjoni wiesgħa fis-soċjetà. F'din il-konsultazzjoni ħadu sehem madwar 100,000 ruħ. Bħalissa, fil-parroċċi u f'istituzzjonijiet oħra tal-Knisja qed issir ħidma li tirrifletti dak li qalu n-nies fil-konsultazzjoni li saret magħhom.

# L-ARĊISQOF: IT-TEMI TAS-SINODI DJOĊESAN HUMA L-PROĠETT EWLIENI TAL-KNISJA FIS-SENTEJN LI ĠEJJIN

Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca sejjaħ it-temi li ġew magħżula għall-Aġenda tas-Sinodu Djoċesan bħala l-proġett ewlieni tal-Knisja f'Malta għas-sentejn li ġejjin.

Mons. Mercieca ħabbar it-temi fi Pre-Assemblea tas-Sinodu għall-mexxejja tad-diversi oqsma tal-Knisja f'Malta li saret it-Tnejn filgħaxija, 27 ta' Frar 2001, fis-Seminarju tal-Virtù.

It-temi, li ġew magħżula wara l-konsultazzjoni mal-poplu kollu, bis-sehem ta' madwar 100,000 ruħ, huma tmienja. It-temi nġabru taħt erba' taqsimiet:

– *Il-kuntest ta' llum u l-isfidi għall-Knisja*
  **Kultura – Soċjetà – Knisja.**
– *Knisja-Komunjoni*
  **Viżjoni ta' Knisja – komunjoni/poplu b'kariżmi u ministeri diversi Lajċi.**
– *Dimensjoni tal-ħajja kollha tal-Knisja*
  **Kelma/xandir**
  **Liturġija/Sagramenti**
  **Djakonija/Ġustizzja.**
– *Oqsma ta' attenzjoni partikolari*
  **Żwieġ u familja**
  **Żgħażagħ u adolexxenti.**

Għat-temi tas-Sinodu se jkun hemm tmien gruppi, wieħed għal kull tema.

### Ħtieġa Spiritwali

Fl-introduzzjoni tiegħu, Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca radd ħajr lil kull min qed jaħdem b'ħeġġa, jitlob u joffru t-tbatijiet tiegħu biex is-Sinodu Djoċesan ikollu l-frott mixtieq u meħtieġ.

Mons. Arċisqof qal quddiem iż-żminijiet tqal li għaddej minnhom il-

bniedem tal-lum, għandna nżommu quddiem għajnejna li Alla jirbaħ fuq kull diżordni, iżda l-bniedem irid jaħdem ma' Alla biex iġib l-ordni fil-ħajja.

Mons. Arċisqof qal li huwa jixtieq li fis-Sinodu, il-membri tal-Knisja, speċjalment fil-parroċċi, jitolbu l-ewwel għall-qdusija tas-saċerdoti u r-reliġjużi, li jridu jkunu ta' ħeġġa għall-oħrajn – ħeġġa li, fil-fond tagħha, trid tkun spiritwali. Ħadd ma għandu jaqta' qalbu għaliex f'dak li nagħmlu hemm dejjem l-għajnuna ta' Alla, basta nifhmu li aħna qaddejja tal-Mulej u mhux protagonisti. "Alla jippurifikana u jsaħħaħna. Alla jaħdem bil-mod. Huwa għandu l-mod tiegħu kif jaħdem fil-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna. Nimxu 'l quddiem b'serenità u ferħ. Nagħmlu kuraġġ u ma naqtgħux qalbna."

Mons. Arċisqof emfasizza li s-saċerdoti għandhom iħarsu lejn il-pastorali li jagħmlu l-lajċi bħala ħaġa tal-lajċi u jfittxu li jgħinuhom fiha, basta jkunu f'għaqda mal-Knisja. Il-lajċi għandhom jagħmlu kuraġġ.

Mons. Arċisqof ħeġġeġ lill-membri kollha tal-Knisja biex jitkellmu fuq is-Sinodu fil-parroċċi u kull fejn ikunu. Is-Sinodu huwa okkażjoni biex dak li jkun juri lil ħaddieħor is-sbuħija tal-Kelma ta' Alla. "Aħna qegħdin biex inkunu xhieda; kulħadd skond l-istat tiegħu. Agħmlu kuraġġ lin-nies – inkluż lit-tfal fl-iskejjel."

## L-Aġenda tas-Sinodu

Dwar l-impenji tas-Sinodu Djoċesan fil-ġejjieni, Mons. Arċisqof qal hekk:

"Qed nagħmlu l-lum pass ieħor importanti fil-mixja tas-Sinodu Djoċesan. Din il-mixja s'issa ħalliet il-frott, bil-ħidma ta' ħafna minnkom hawnhekk u tant nies oħra. Għenitna lkoll biex niftħu qalbna aktar għal Alla u għal xulxin.

"Wara li għamilna xhur nisimgħu lil xulxin b'libertà sħiħa u bis-sinċerità, f'konsultazzjoni wiesgħa ħafna dwar il-ħajja tal-Knisja f'Malta u tas-soċjetà Maltija, issa ffissajna t-temi għal fuq l-Aġenda tas-Sinodu. Għandkom kif smajtu t-temi magħżula. Fuq dawn se nkomplu naħsbu u naħdmu flimkien. Dan hu l-proġett ewlieni tal-Knisja f'Malta għal dawn is-sentejn li ġejjin.

"Intom ilkoll persuni li għandkom responsabbiltà kbira f'oqsma differenti tal-Knisja f'Malta. Il-lum qed nagħmlilkom sejħa: agħtu prijorità lill-ħidma tas-Sinodu. Komplu aħdmu biex is-Sinodu jkun, kif dejjem jinsisti l-Papa Ġwanni Pawlu II, ġrajja tal-Knisja kollha.

"Ħafna jiddependi minnkom. Ħafna jiddependi minn kemm intom se tgħinu lin-nies biex jipparteċipaw, jifhmu x'qed isir, iħossu mal-Knisja f'Malta f'dan iż-żmien speċjali li għaddejja minnu. Intom tistgħu tkomplu tibnu; intom tistgħu tħottu. Nafda f'idejkom din ir-responsabbiltà biex tagħtu lkoll sehemkom ħalli ninbnew fi Knisja.

"Għalhekk, meta se tkunu msejħin biex tagħtu l-kontribut tagħkom, agħtuh bil-qalb, bil-ġenerożità, b'impenn. Kull sejħa tas-Sinodu hi sejħa biex nimxu flimkien u mhux għal rasna, biex ngħixu realtà tal-Knisja b'mod ħaj.

"Fit-2 ta Ġunju, Vġili ta' Pentekoste, se nagħmlu Ċelebrazzjoni Djoċesana li tgħaqqad flimkien il-Knisja kollha, biex nagħtu bidu għall-Assemblea Djoċesana tas-Sinodu. Il-ġrajja ta' Pentekoste għandha sinjifikat partikolari għall-Knisja: hi l-ġrajja meta l-Knisja timtela bl-Ispirtu s-Santu biex toħroġ mill-għeluq u tibda l-missjoni tagħha. Hi ġrajja li turi l-qawwa ta' Alla fid-dgħufija tagħna.

"L-Assemblea tas-Sinodu trid tiddiskuti t-temi u d-dokumenti pastorali li jservu ta' gwida u ta' direzzjoni għall-Knisja f'Malta fis-snin li ġejjin. L-Assemblea, fil-membri tagħha, se tkun tirrifletti l-Knisja kollha. Fl-istess ħidma tagħha, l-Assemblea se tkun dejjem f'din ir-rabta ħajja mal-Knisja kollha.

"Il-lum nixtieq ngħid kelma ta' inkoraġġiment lil kulħadd. Ejjew ningħaqdu aktar flimkien. Fir-rispett tal-kariżmi u l-ħidmiet tagħna, nikkollaboraw. Għalhekk qed isir is-Sinodu. Għalhekk irridu nkomplu naħdmu flimkien.

"Nitolbu ħafna. Jekk nemmnu li hu l-Mulej li jmexxi, jekk qed infittxu li nagħmlu r-rieda tiegħu, it-talb irid ikun preżenti f'kull pass li nagħmlu f'din il-mixja flimkien. Il-Mulej magħna!"

## L-isfond

Għall-Pre-Assemblea tas-Sindodu ħadu sehem id-Delegati ta' l-Arċisqof, il-Presidenti tal-Kummissjonijiet Djoċesani, il-Kunsill Presbiterali Djoċesan, il-Kunsill Pastorali Djoċesan, il-Kapitlu Metropolitan, il-Kappillani, is-Superjuri Maġġuri tar-Reliġjużi, l-Istituti Sekulari, il-Forum ta' l-Għaqdiet u l-Movimenti Kattoliċi, il-Presidenti Ġenerali ta' l-Għaqdiet u l-Movimenti Kattoliċi u l-Kummissjoni Organizzattiva għas-Sinodu.

Il-laqgħa bdiet b'Għasar fil-Kappella tas-Seminarju, immexxi minn Mons. Isqof Annetto Depasquale.

Wara, dawk li attendew inġabru fl-Auditorium tas-Seminarju, fejn Fr. Joe Galea Curmi, Koordinatur tas-Sinodu, tkellem dwar x'sar s'issa fis-Sinodu u x'hemm maħsub għall-quddiem.

Mons. Arċisqof ippreżenta t-temi tas-Sinodu u l-messaġġ tiegħu wara din l-introduzzjoni.

## Konsultazzjoni u dokumenti

Wara l-intervent ta' Mons. Arċisqof, Dun Anton Gouder, Segretarju Pastorali tkellem dwar il-konsultazzjoni u d-dokumenti li jridu jitħejjew, dwar it-temi magħżula, fiż-żmien li ġej.

Dawk li ħadu sehem fil-Pre-Assemblea tas-Sinodu ġew mitluba biex matul Marzu-April jagħmlu konsultazzjoni dwar it-temi tas-Sinodu fost il-kunsilli tagħhom u dawk l-oqsma li jolqtuhom. Huma ġew mistiedna jikkonċentraw fuq liema punti wieħed·jaħseb li għandhom ikunu inklużi f'dokument pastorali li se jsir fuq kull waħda mit-temi magħżula.

Il-gruppi li se jaħdmu fuq it-temi, sa l-aħħar ta' April li ġej iridu jissuġġerixxu persuni li jistgħu jagħtu l-kontribut tagħhom f'kull grupp li se jkunu inkarigati biex iħejju dokumenti pastorali fuq kull qasam konċernat, liema dokumenti aktar 'il quddiem ikunu diskussi fl-Assemblea Djoċesana tas-Sinodu.

Il-pjani għall-ġejjieni huma dawn:

- Sa Ġunju li ġej se jkun imħejji dokument introduttorju dwar it-temi u d-Direttorju tas-Sinodu, biex jingħata lill-membri ta' l-Assemblea tas-Sinodu.
- Fix-xhur li ġejjin se jsiru l-elezzjonijiet, u jkunu identifikati l-membri li se jifformaw parti mill-Assemblea tas-Sinodu. Uħud mill-membri se jkunu *ex ufficio*, jiġifieri minħabba l-kariga li jokkupaw; oħrajn se jkunu eletti; u oħrajn ikunu nominati.
- Waħda mill-elezzjonijiet se tkun għall-membri tal-Kunsill Presbiterali tas-sessjoni li jmiss, 2001–2004.
- Il-membri ta' l-Assemblea jingħataw programm biex ikunu jafu x'inhu mitlub minnhom, inklużi d-dati tas-sessjonijiet ta' l-Assemblea.

- Fit-2 ta' Ġunju, Vġili ta' Pentekoste, issir Ċelebrazzjoni Djoċesana li tagħti bidu għall-Assemblea Djoċesana tas-Sinodu.
- Fil-15 u s-16 ta' Ġunju ssir sessjoni għall-membri kollha ta' l-Assemblea Djoċesana dwar id-dixxerniment ekkleżjali.
- Bejn Ġunju u Ottubru jsir xogħol fi gruppi fuq it-temi.
- Lejn l-aħħar ta' Settembru ssir Ċelebrazzjoni Djoċesana b'rabta ma' l-anniversarju episkopali ta' Mons. Arċisqof.
- Bejn Ottubru u Novembru ssir assemblea f'kull parroċċa u f'għadd ta' istituzzjonijiet.
- Fl-1 ta' Novemberu jintbagħtu l-ewwel abbozzi ta' dokumenti għad-diskussjoni.
- Fil-25 ta' Novembru ssir Ċelebrazzjoni Djoċesana ta' Kristu Re.
- Fid-29 u t-30 ta' Novembru tiltaqa' l-Assemblea Djoċesana tas-Sinodu u jiġu diskussi l-ewwel abbozzi ta' dokumenti.
- Is-Sinodu jkompli fis-sena 2002. Hu maħsub li ċ-Ċelebrazzjoni Djoċesana ta' għeluq is-Sinodu ssir lejn l-aħħar tas-sena 2002.

# BEATIFIKAZZJONI TA' SAĊERDOT SPANJOL TA' NISEL MALTI

Mons. Philip Calleja, Delegat ta' l-Arċisqof għall-Emigrazzjoni u t-Turiżmu, u President tal-Kummissjoni Emigranti, se jattendi għaċ-ċerimonja tal-beatifikazzjoni tal-Ven. Don Vicente Sicluna Hernandez, saċerdot Spanjol ta' nisel Malti, li se ssir f'Ruma nhar il-Ħadd, 11 ta' Marzu 2001.

Don Vicente Sicluna se jkun beatifkat flimkien ma' 232 martri ieħor.

Don Vicente twieled f'Valencia fil-31 ta' Ottubru 1859 u ġie ordnat saċerdot fl-1884. Huwa nqatel fit-23 ta' Settembru 1936.

In-nannu ta' Don Vicente kien Lorenzo Scicluna, li twieled Ħal Għaxaq fit-13 ta' Awissu 1775. F'żogħżitu huwa emigra lejn Spanja fejn iżżewweġ lil Margarita Caruana, ukoll bint emigranti Maltin mill-Isla.

Il-preżenza ta' Mons. Calleja għall-beatifkazzjoni ta' Don Vicente tirrifletti u tesprimi l-apprazzament tal-Kummissjoni Emigranti għat-trobbija fl-għożża tal-fidi Nisranija li l-emigranti Maltin jagħtu b'imħabba lil uliedhom.

F'Dar l-Emigrant, Valletta, se ssir xbiha permanenti tal-Ven. Vicente Sicluna.

# ID-DISKORS
# ta' l-Arċisqof fis-Sena Elfejn Miġbura fi Ktieb

Id-diskorsi prinċipali li Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca għamel fis-sena 2000 inġabru fi ktieb ieħor fis-sensiela MINN FOMM IR-RAGHAJ.

Is-suġġetti li tkellem dwarhom.Mons. Arċisqof fis-sena 2000 jinkludu: il-konsultazzjoni fil-parroċċi, il-mudell ta' familja b'saħħitha, aħwa Maltin fil-villaġġ globali, in-nisrani qaddej, it-twemmin veru t'Alla, il-kuxjenza fix-xogħol, il-fedeltà tal-media lejn Kristu, il-ġid tal-poplu kollu, il-ħsieb tal-Knisja dwar id-dinja ta' l-isport, l-Unjoni Ewropea u d-djalogu li jibni l-paċi.

Il-ktieb jinkludi Indiċi Analitiku b'lista ta' 46 suġġett li Mons. Arċisqof tkellem dwarhom fis-sena 2000.

Il-ħsieb ta' l-Indiċi hu li jgħin lill-qarrej isib malajr it-tagħlim ta' l-Arċisqof fuq is-suġġett li dwaru jkun qed ifittex. Il-pubblikazzjoni tinkludi wkoll 16-il ritratt li juru lil Mons. Mercieca f'attivitajiet differenti. Il-ktieb jista' jinkiseb bil-posta, mill-Uffiċċju tal-P.R.O., Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana VLT 16, bi ħlas ta' Lm1.00.

# PARIR tal-Kardinali lill-Papa li l-Ven. Adeodata Pisani għexet il-Virtujiet Teologali u Kardinali b'Mod Erojku

Il-Kongregazzjoni Ordinarja tal-Kardinali, f'laqgħa li kellha nhar it-Tlieta, 20 ta' Marzu 2001, iddeċidiet li tagħti parir lill-Papa biex joħroġ id-digriet fejn jiddikjara li l-Ven. Marija Adeodata Pisani OSB għexet il-virtujiet teologali u kardinali b'mod erojku.

Il-virtujiet teologali li tirreferi għalihom id-deċiżjoni huma dawk tal-fidi, tama u mħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu. Il-virtujiet kardinali huma dawk ta' l-għaqal, ġustizzja, rażan u qawwa u l-virtujiet l-oħra marbuta magħhom.

Il-Kardinali waslu għad-deċiżjoni tagħhom wara li, fit-13 ta' Frar 2001, il-Kummissjoni tat-Telologi tal-Kongregazzjoni tal-Qaddisin tat deċiżjoni unanima li ġie ppruvat li l-Ven. Adeodata Pisani għexet il-virtujiet teologali u kardinali b'mod erojku.

Fid-19 ta' Frar 2001, l-esperti mediċi li eżaminaw żewġ każi separati ta' fejqan staordinarju bl-interċessjoni tal-Ven. Marija Adeodata Pisani u l-Ven. Nazju Falzon iddikjaraw li fiż-żewġ okkażjonijiet il-fejqan kien medikament inspjegabbli. Id-dikjarazzjoni saret wara li kull każ ġie eżaminat minn ħames esperti mediċi li għamlu l-istudji tagħhom b'inkarigu tal-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin.

Iż-żewġ każi ta' fejqan staordinarju għad jridu jitressqu għall-eżami ta' l-esperti teloġiċi tal-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin u wara għall-ġudizzju definittiv tal-Kardinali. Jekk u meta l-każi jiġu approvati wkoll f'dawn iż-żewġ stadi, il-Ven. Marija Adeodata Pisani u l-Ven. Nazju Falzon ikunu waslu fl-istadju li jiġu beatifikati.

L-Isqfijiet Maltin stiednu lill-membri kollha tal-Knisja f'Malta u Għawdex biex iroddu ħajr lil Alla għal dawn l-iżviluppi sbieħ u ta' ferħ, kif ukoll biex ikomplu jitolbu ħalli jekk hija r-rieda tal-Mulej, il-Ven. Marija Adeodata Pisani u l-Ven. Nazju Falzon jiġi beatifikati.

# L-ISQOF JOSEPH GRECH JIBDA L-ĦIDMA FID-DJOĊESI TA' SANDHURST

Mons. Isqof Joseph Angelo Grech se jibda uffiċjalment il-ħidma tiegħu bħala Isqof tad-Djoċesi ta' Sandhurst, l-Awstralja, b'ċelebrazzjoni fil-Kattidral tal-Qalb Imqaddsa, Bendig, nhar il-Ġimgħa, 27 ta' April 2001, Festa tal-Madonna tal-Parir it-Tajjeb, patruna tad-djoċesi.

Bendigo hija l-belt prinċipali tad-Djoċesi ta' Sandhurst. Id-Djoċesi tħaddan in-naħa ta' fuq ta' Victoria, sal-fruntiera ma' l-Istat ta' New South Wales. Fiha hemm 40 parroċċa u 46 saċerdot attiv. Il-Kattoliċi huma madwar 87,000.

F'Sandhurst hemm komunitajiet imdaqqsin ta' Taljani, Pollakki u Kroati. Skond ċensiment li sar fl-1996, hemm ukoll 152 Malti.

# DOKUMENT
# tal-Kappillani biex jinkuraġġixxu d-Diskussjoni dwar il-Problemi fil-Festi

Il-Kulleġġ tal-Kappillani ta' Malta ħejja dokument biex jinkuraġġixxi d-diskussjoni dwar kif il-Knisja għandha tkompli tindirizza l-problemi, f'xi każi dejjem aktar gravi, li jeżistu fil-festi parrokkjali. Il-Kappillani jisħqu li huma mhumiex kontra l-festi, iżda jridu li l-festi jiġu ċċelebrati b'mod li jibni l-komunità u li jagħtu gost lil kulħadd. It-test sħiħ tad-dokument, intitolat *IL-KWISTJONI TAL-FESTI: biex inkomplu d-diskussjoni*, hu dan:

## L-iskop

L-iskop ta' dan id-dokument hu li nżommu ħaj id-dibattitu dwar il-festi. Jista' jiġrilna li billi l-inċidenti gravi li jinqalgħu fil-festi u li jiġu rrapportati fil-media jkunu minimi, allura nserrħu moħħna li s-sitwazzjoni issa qagħdet.

Jekk iżda niġbru l-esperjenza ta' ħafna minna dwar l-istaġun tal-festi li għadda, żgur nintebħu kemm is-sitwazzjoni mhix daqstant feliċi. Diversi Kappillani għaddew minn xhur ta' tensjoni minħabba talbiet li jsirulhom minn żmien għal żmien minn diversi organizzaturi. Diversi minna kellhom jgħaddu sigħat sħaħ f'diskussjonijiet kemm f'kumitati kif ukoll ma' uffiċċjali tal-Kurja biex forsi tinstab soluzzjoni.

Filwaqt li aħna l-festa nħarsu lejha bħala ġrajja oħra fost il-ħafna li jkollna fil-kalendarju tagħna, għal uħud mill-organizzaturi din tfisser kollox! Għall-festa lesti jagħtu ħinhom, flushom u ġieli anke ħajjithom biex jaraw kif ikabbru u joħolqu "sorpriżi" ġodda għall-partitarji tagħhom. Dan ifisser li dawn ikunu ilhom ix-xhur jaħsbu x'se jintroduċu ġdid fil-festi filwaqt li aħna nkunu sajmin minn dan kollu.

Ħafna drabi, it-tkabbir minn sena għall-oħra ma jkunx motivat minn xewqa biex itejbu l-organizzazzjoni tal-festa, iżda mill-pika. Minħabba f'hekk, niġu ffaċċjati b'talbiet li mhux dejjem ikun possibli għalina li nilqgħuhom għax narawhom imorru kontra l-prinċipji tagħna.

Il-problema ewlenija hi, li filwaqt li aħna nqisu l-festa esterna tikkumplimenta l-festa interna, għal ħafna mill-organizzaturi, l-attivitajiet esterni huma għal kollox imneżżgħin minn kull spirtu nisrani. Dak li naraw jiġri quddiem għajnejna l-aktar waqt il-marċi, inissel fina ċerta dieqa għax ikun qed iħott dak kollu li nkunu ilna nistinkaw għalih matul sena sħiħa.

Filwaqt li l-attivitajiet li aħna norganizzaw huma kollha ntiżi għal għan wieħed – il-bini tal-komunità – ħafna mill-festi esterni tagħna huma propju parodija ta' dak li support jirrappreżentaw.

Irridu nemfasizzaw il-fatt li aħna m'aħniex kontra l-festi. Irridu nuru li l-miżuri li qed jittieħdu mhumiex intiżi biex iġibu l-qerda tagħhom iżda biex jiġu ċċelebrati b'mod li jagħtu gost lil kulħadd.

F'ħafna min-nies daħet il-mentalità li l-festi jkunu sbieħ jekk ikunu mibnija fuq il-pika; li jekk taqta' l-briju mill-festi dawn imutu. Għal diversi mill-parteċipanti speċjalment żgħażagħ, l-*apice* tal-festa sar il-marċ hekk imsejjaħ "ta' filgħodu". Aktar ma dan ikun organizzat tajjeb, u aktar ma jsir briju fih, aktar il-festa tkun suċċess. Hija ħasra li ħafna Maltin qed jipprotestaw bil-kwiet kontra x-xenati li qed isiru f'dawn il-marċi billi nhar il-festa jwarrbu mill-belt jew raħal tagħhom biex jevitaw l-iskandli għal uliedhom.

F'Ottubru li għadda, il-Kunsill tal-Kappillani ltaqa' ma' l-Isqfijiet tagħna biex niddiskutu magħhom il-qagħda tal-festi. Filwaqt li apprezzajna l-ħidma tagħhom, speċjalment il-miżuri li ħadu biex il-festi jiġu ċċelebrati b'mod aktar nisrani, aħna tlabnihom jikkunsidraw żewġ punti:

(1) Staqsejnihom jekk tjibitx il-qagħda f'dawk il-parroċċi li fihom baned ġodda ġew miżmuma milli jieħdu sehem fil-festi tal-lokal. Jidher, li billi l-Knisja rriżervat xi ġranet biex fihom tkun tista' tiġi ċċelebrata l-festa tal-parroċċa, il-banda miżmuma qed torganizza attivitajiet fil-ġranet ta' qabel. B'hekk, il-festa issa ġiet mifruxa fuq numru akbar ta' ġranet.

Tlabnihom jaraw hux possibli li l-parroċċa tirriserva aktar ġranet (p.e. minn Ħadd sa Ħadd), anke jekk ma tużahomx kollha għall-attivitajiet esterni, biex b'hekk turi d-distinzjoni bejn il-festa "uffiċċjali" u dik organizzata minn ħaddieħor. Tajjeb nistudjaw ukoll kif qed iġġib ruħha l-banda stabbilita issa li tħoss li għandha l-ħarsien tal-parroċċa. Importanti li din ma tieħu ebda vantaġġ mis-sitwazzjoni.

Huwa possibli li l-festi jsiru *standardised* billi l-marċi jibdew mill-ewwel jum tat-Tridu 'l quddiem u mhux qabel? Jekk nagħmlu hekk inkunu qed nevitaw li l-festi jieħdu ġimgħa sħiħa għaddejjin bil-konsegwenza li tinbena eskalazzjoni f'dik li hi tensjoni. Is-sitwazzjoni fil-preżent hi li min jiflaħ iħallas qiegħed dejjem iżid il-marċi u min ma jiflaħx qed jisforza biex ma jkunx agħar minn ħaddieħor.

Dan qed iwassal biex isir ġbir kontinwu mill-komunitajiet tagħna b'detriment għal proġetti aktar siewja. Illum, banda barranija qed tiġi tiswa' Lm300 għal servizz ta' tliet sigħat.

## Il-marċi

(2) Irridu naraw x'jista' jsir dwar il-marċi hekk imsejħa ta' filgħodu jew ta' wara nofs in-nhar. Dawn ġabu r-rovina tal-festi tagħna!! Minn marċi li jagħtu pjaċir, kif kienu meta bdew oriġinarjament, illum saru marċi karnivaleski li oskuraw għal kollox l-aspett reliġjuż tal-festi tagħna!

Ir-raġunijiet għala għandu jsir dan huma ħafna:

- Diversi każini qed juri "x'isarrfu" minn kemm kapaċi joħolqu marċ kbir u kreattiv minflok ma jkomplu jkabbru l-kultura mużikali fl-ibliet u rħula tagħna.
- Numru kbir ta' żgħażagħ qed jingħaqdu flimkien għal sena sħiħa biex jorganizzaw dan il-marċ – issibhom għaddejjin b'attivitajiet regolari ta' *fund-raising* biex jiġbru fondi ħalli jkunu jistgħu joħolqu l-hekk imsejħa "sorpriżi". Dan qed iservi ta' aljenazzjoni ta' ħafna żgħażagħ minn ħwejjeġ aktar utli għall-ħajja.
- Diversi uffiċċjali serji fil-każini qed jilmentaw li tant kibru l-movimenti taż-żgħażagħ fi ħdan is-soċjetajiet, li qed ikun impossibli għalihom li jrażżnuhom milli jkomplu jkabbru l-marċi ta' filgħodu bil-konsegwenza li qed ikunu huma li jiddettaw x'għandu jsir f'dawn il-marċi.
- Aħna, bħala Knisja, il-fatt li mhu qed nagħmlu xejn dwarhom, qed nidhru li qed imbierku dan il-marċ pagan b'nies jinżebgħu, jinżgħu, dagħa, kliem ħażin, tgħajjir, insulti u diversi oxxenitajiet oħra.
- Dan hu marċ li fih qed jiġi kkunsmat l-alkoħol bla ebda kontroll, mhux biss mill-adulti iżda wkoll mill-pre-adolexxenti u anke tfal. Ix-xemx tiżreġ tas-sajf Malti ġgġħielek bilfors tixrob, bil-konsegwenza li ħafna ma jibqgħux jirraġunaw minħabba s-sakra li jsibu ruħhom fiha. Tajjeb

niftakru li f'diversi każini hekk kif jidħol il-marċ ta' filgħodu jiġi organizzat *disco* fil-każin stess, ġeneralment mill-barman biex hu wkoll imissu xi ftit tal-qliegħ mill-festa tal-qaddis! Nistgħu nimmaġinaw x'jibqa' miż-żgħażagħ u t-tfal tagħna wara seba' jew tmien sigħat ta' qbiż u konsum ta' alkoħol! Tajjeb li hawn insemmu wkoll l-inkonvenjenzi ta' storbju li *discos* bħal dawn qed joħolqu għal dawk li jgħixu fil-viċinanzi tal-każini.

– F'dan il-marċ, anke dawk li normalment iġibu ruħhom sew fis-soċjetà, ineħħu kull mistħija u jinqdew bl-okkażjoni biex mhux biss jgħajru lil tal-partit oppost, iżda anke jidħlu fi kwistjonijiet personali.
– Il-marċijiet ta' filgħodu qed ikunu ta' piż finanzjarju kbir fuq il-komunitajiet tagħna. Marċ bħal dan qed jiswa' lill-każini f'ħafna każi 'l fuq minn Lm1000 ġieli tela' għal Lm1400! Spejjeż fenomenali bħal dawn jaffetwaw indirettament lill-parroċċi tagħna fil-ġbir għax huma l-istess nies li jridu jdaħħlu jdejhom fil-but, kemm għall-attivitajiet tal-każini kif ukoll għal dawk tal-parroċċi.
– F'ħafna każi, dawn il-marċi qed jaffettwaw l-andament tal-festa interna għax isiru jew lejliet il-festa filgħodu, inkella nhar il-festa filgħodu. Hemm każi fejn dan isir nhar il-festa wara nofs in-nhar. Filwaqt li fil-knisja tkun qed issir il-quddiesa ewlenija tal-festa fuq barra jkun għaddej il-marċ. Kemm-il darba jgħaddu mill-viċinanzi tal-knisja b'mod li jtellfu dak li jkun qed isir fuq ġewwa. Dawk il-parroċċi li l-marċ ma jsirx nhar il-festa filgħodu, il-knejjes tagħhom jkunu mimlijin bin-nies avolja l-festa tiġi fl-eqqel tas-sajf.
– F'ċerti festi, fl-istess marċ idoqqu ż-żewġ baned tal-lokal. Dan qed joħloq biċċa uġiegħ ta' ras biex tinżamm il-buon'ordni mill-pulizija barra milli tinħoloq ħafna aktar tensjoni fil-lokal. L-organizzaturi ta' dawn il-marċi jħabirku biex jiksbu l-aqwa marċi fis-suq biex idoqquhom – ħafna drabi mimlijin insulti u kliem baxx bi skandlu għaż-żgħar.
– Issa daħlet l-idea tas-"sorpriżi" – kulħadd jara x'jivvinta biex joħloq xi ħaġa ġdida li ħaddieħor m'għandux. Ħafna minn dawn is-sorpriżi qed ikomplu jbaxxu l-livell tal-marċi u jgħinu biex tikber ir-rivalità, speċjalment f'dawk il-lokalitajiet fejn hemm aktar minn każin wieħed.
– Min irid jikkritika l-festi u juri l-aspett pagan tagħhom qed jiġbed xeni mill-marċi ta' filgħodu u jurihom fuq il-mezzi tax-xandir – inkluż dawk ta' barra minn Malta.

Aħna jidhrilna li l-marċi ta' filgħodu qed ikunu okkażjoni li permezz tagħhom qed tikber il-firda u l-pika li issa laħqet proporzjonijiet esaġerati. Min għandu rasu fuq għonqu jaf li ma nistgħux nibqgħu sejrin kif aħna sejrin. In-nies qed jistennew li la l-awtoritajiet tal-pajjiz ma waslux biex irażżnu l-abbużi fihom trid tkun il-Knisja li tieħu xi miżuri u forsi anke miżuri drastiċi!

Anke l-mexxejja tal-każini qed isaqsu x'imiss issa, u fost il-miżuri qed isemmu l-marċi ta' filgħodu. il-*momentum* li qabad m'għandux jieqaf ħalli l-Knisja turi li mhix se tippermetti aktar lil min jinqeda b'festi reliġjużi biex jagħmel parodija minnhom.

Dan ma jfissirx li m'hemmx x'tirranġa fil-marċi l-oħrajn li jsiru matul il-kumplament tal-festi tagħna. F'diversi minnhom ukoll qed ikollna xeni ta' għajb b'daqq ta' marċi provokattivi. Imma jidhrilna li għalissa, aħjar nikkonċentraw fuq 'l hekk imsejħa "marċi ta' filgħodu".

Jidhrilna li aħna għandna naħdmu mhux biex il-festi esterni jiġi f'idejna, għax aħna ftit għandna ħin biex norganizzawhom sew fid-dettall u forsi l-anqas il-kapaċità, iżda li noħolqu l-parametri meħtieġa biex dawk li jorganizzawhom ikunu jafu sew sa fejn jistgħu jaslu.

## Konsiderazzjonijiet oħra

Tajjeb nikkunsidaraw ukoll:

(a) L-użu ta' l-istatwi tal-Madonna u qaddisin li joħorġu mill-każini u li quddiemhom jindaqqu marċi provokattivi u ġieli anke mimlijin kliem oxxen indirizzati lejn każini rivali. Dawn huma statwi kkummissjonati mill-każini stess u li minnhom qed isiru l-ġodda kull sena biex imbagħad, jittellgħu fuq il-pedestalli jew kolonni wara l-marċijiet ta' filgħaxija.

(b) Id-daqq ta' marċi xejn dekorużi quddiem l-istatwi tal-purċissjonijiet speċjalment, meta l-purċissjoni proprja tidħol il-Knisja u l-istatwa titħalla barra waħedha f'idejn il-partitarji. Dawn it-tip ta' marċi jibqgħu jindaqqu sa fuq l-għatba tal-knisja.

(ċ) L-esaġerazzjoni fil-ħruq tan-nar f'ċerti lokalitajiet. Uħud m'huma jagħtu każ ta' ħadd, bil-konsegwenza li qed inisslu rabja mhux biss fost dawk li huma kontra n-nar fil-festi, iżda anke fost dawk li jixtiequ moderazzjoni fil-ħruq tiegħu. Mhux l-ewwel darba li l-liġijiet tal-

pajjiż f'dawk li huma ħinijiet qed jiġu injorati. Il-pika li ġieli tinbet bejn dilettanti tan-nar li jappartjenu lill-każini rivali qed twassal għal aktar inċidenti kif ukoll għal infieq żejjed li jkun ta' piż finanzjarju fuq il-komunitajiet tagħna.

Meta tqis kollox, aħna jidhrilna li filwaqt li l-miżuri li qed jittieħdu minn żmien għal żmien mill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi biex insalvaw kemm jista' jkun il-karattru nisrani tal-festi jistgħu jħallu effett, irid isir studju aktar komplessiv ħalli jitfasslu sett ta' regolamenti li jkunu japplikaw għall-festi kollha. Il-Knisja trid turi li għalkemm il-festi esterni, f'ħafna każi mhix torganizzahom hi, xorta waħda għandha kontroll fuqhom għax dawn huma parti minn festi reliġjużi.

Daħlet wisq f'moħħ l-organizzaturi l-idea li l-Knisja fuq barra ma tindaħalx. Fil-fatt qed ninnotaw li aktar ma jgħaddi ż-żmien, l-organizzaturi qed isiru dejjem aktar arroganti u f'ħafna każi jinjoraw għal kollox ir-rwol li l-Kappillan suppost li għandu fil-festa. Din hija ġlieda li rridu niġġilduha waħedna għax il-pulizija ftit li xejn tista' tagħmel f'dak li hu kontroll.

Aħna nagħmlu appell biex dan is-suġġett jiġi diskuss ukoll fil-laqgħat li qed isiru biex jiġi fformulat id-dokument uffiċċjali tas-Sinodu li se jagħti direzzjoni lill-ħidma tal-Knisja f'Malta. Ma tistax il-Knisja tkompli miexja 'l quddiem fil-ħidma pastorali tagħna jekk ma tindirizzax il-problema kbira tal-festi. L-indikazzjonijiet kollha juru li din se tkompli taggrava fis-snin li ġejjin. Diversi kienu dawk li kkumentaw dwar il-festi fil-konsultazzjoni li saret waqt is-Sinodu. Minn dak li ntqal, jidher ċar li n-nies iridu li l-Knisja tintervjeni ħalli l-festi tagħna jkunu festi tassew insara li jkunu jixirqu lill-poplu ċivilizzat Malti.

# KJARIFIKA
# dwar il-Bini tat-Tribuna tal-Papa

Il-Kumitat Organizzattiv taż-Żjara tal-Papa jrid jagħmilha ċara li mhux minnu li bil-mod kif hu propost li tinbena t-Tribuna li hu meħtieġ li ssir għall-Quddiesa li l-Papa Ġwanni Pawlu II se jiċċelebra f'Malta fid-9 ta' Mejju 2001, se ssir ħsara fuq il-Fosos tal-Floriana.

Il-Kumitat Organizzattiv kiteb lill-Kunsill Lokali tal-Floriana biex jinformah li l-Kumitat Organizzattiv ħassu urtat ħafna bil-mod kif il-Kunsill Lokali tal-Floriana ittratta din il-kwistjoni ta' natura nazzjonali u speċjalment bil-fatt li ntqalu affarijiet li mhumiex korretti.

Ittra li l-Kumitat Organizzattiv bagħat illum (14 ta' Marzu 2001) lill-Kunsill Lokali tal-Floriana tispjega li l-Kumitat Organizzattiv ma talabx in-*no objection* mingħand il-Kunsill Lokali tal-Floriana għas-sempliċi raġuni li kien infurmat mill-Gvern Ċentrali li l-amministrazzjoni tal-Fosos tal-Floriana hija kompetenza tiegħu, speċjalment f'dak li jirrigwarda organizzazzjonijiet li jkunu ta' natura nazzjonali.

L-ittra tinforma wkoll lill-Kunsill li, biex juri li mhux bl-ebda mod arroganti, kif kien allegat, bi ftehim mal-Gvern Ċentrali nhar it-Tnejn li ġej, 26 tax-xahar, se jorganizza laqgħa għar-rappreżentanti tal-Kunsill Lokali flimkien mal-Perit Richard England u rappreżentanti tal-Gvern Ċentrali. Din il-laqgħa se ssir bil-ħsieb li l-Perit England jispjega kif mhux minnu li se ssir ħsara fuq il-Fosos tal-Floriana, ħaġa li l-Kumitat Organizzattiv insista fuqha sa mill-bidu nett.

# TLUGĦ BIL-POLZA GĦAD-DĦUL FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA

## 4,324 APPLIKAZZJONI GĦAL 1,061 POST

It-tlugħ bil-polza għad-dħul fil-Klassijiet Kindergarten ta' l-Iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika li jmiss se jsir illum, it-Tnejn, l-26 ta' Marzu 2001, fil-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana, fit-3.00 p.m. It-tlugħ bil-polza għall-Klassijiet *Pre-Grade* se jsir għada, it-Tlieta, waqt li dak għal *Year One* isir nhar l-Erbgħa, fl-istess post u ħin.

It-total ta' tfal li applikaw biex jidħlu fl-Iskejjel tal-Knisja f'Settembru li ġej huwa 4,324. Il-postijiet disponibbli huma 1,102. (Fl-2000 applikaw 4,192, fl-1999 applikaw 4,343, u fl-1998 applikaw 4,278).

L-għadd ta' postijiet li hemm fil-livelli diversi, hu kif ġej:

*KINDERGARTEN:* It-total ta' l-applikanti għal-livell Kindergarten huwa 1,621 li minnhom se jidħlu 449. Dawn huma mqassmin hekk:
Każijiet Speċjali: Total ta' applikanti 64. Minnhom se jidħlu 34.
Aħwa: 173.
Tfal mid-Djar tal-Knisja: 6.
Dħul bil-polza: 236.

*PRE-GRADE:* It-total ta' applikanti għal-livell Pre-Grade huwa 1,280, li minnhom se jidħlu 282. Dawn huma mqassmin hekk:
Każijiet Speċjali: Total ta' applikanti 72. Minnhom se jidħlu 41.
Aħwa: 110.
Tfal mid-Djar tal-Knisja: 2.
Dħul bil-polza: 129.

*YEAR ONE:* It-total ta' l-applikanti għal Year One huwa 1,423, li minnhom se jidħlu 371. Dawn huma mqassmin hekk:
Każijiet Speċjali: Total ta' applikanti 131. Minnhom se jidħlu 63.
Aħwa: 147.
Tfal mid-Djar tal-Knisja: 10.
Dħul bil-polza: 151.

# FTEHIM
# bejn il-Kumitat Organizzattiv u l-Kunsill Lokali Floriana dwar it-Tribuna tal-Papa

Illum, it-Tnejn, 26 ta' Marzu 2001, fil-Palazz ta' l-Arċisqof, Valletta, saret laqgħa kordjali bejn il-Kumitat Organizzattiv għaż-Żjara tal-Papa f'Malta u l-Kunsill Lokali Floriana.

Il-Perit Richard England spjega l-proġett tat-Tribuna tal-Papa u ta l-assikurazzjoni li dak kollu li qed isir mhu se jagħmel l-ebda ħsara lill-Fosos tal-Floriana.

Id-differenzi li seta' kien hemm bejn il-Kumitat Organizzattiv u l-Kunsill Lokali Floriana, inkuż dwar id-djalogu li kien meħtieġ bejn il-partijiet, twittew u sar ftehim ta' koperazzjoni bejn il-partijiet kollha.

# LAQGĦA dwar il-Knisja u l-Isfidi ta' l-Integrazzjoni Ewropea

Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca, li bħalissa jinsab għal żjara f'Ruma, se jattendi għal-laqgħa plenarja tar-Rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-Konferenzi ta' l-Isqfijiet tal-Komunità Ewropea (COMECE), li se ssir f'Ruma bejn id-29 u t-30 ta' Marzu 2001.

Fil-laqgħa, Mons. Arċisqof se jkun akkompanjat minn Dun Vanni Xuereb, President tal-Kummissjoni Knisja f'Malta u fl-Ewropa.

Il-COMECE tlaqqa' flimkien delegati minn 14-il Konferenza ta' l-Isqfijiet Kattoliċi ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll osservaturi minn Konferenzi ta' l-Isqfijiet Kattoliċi ta' pajjiżi li huma kandidati għall-Unjoni Ewropea.

It-tema tal-laqgħa hija, *Il-Knisja u l-Isfidi ta' l-Integrazzjoni Ewropea.*

L-aġenda tinkludi għadd ta' kistjonijiet importanti ta' *policy* li qed tħabbat wiċċha magħhom bħalissa l-Unjoni Ewropea:

**Biedja**: il-kriżi fil-qasam tal-biedja fl-Ewropa u r-riforma tal-*policy* agrikola ta' l-Unjoni Ewropea.

**Migrazzjoni**: passi lejn *policy* Ewropea komuni fuq l-immigrazzjoni u l-asil.

**Media u żgħażagħ**: il-ħtieġa ta' l-edukazzjoni tat-tfal għas-soċjetà ta' l-informatika.

Il-laqgħa se tkun tinkludi udjenza mal-Papa, li se ssir nhar il-Ġimgħa. Se tkun tinkludi wkoll skambju mas-Segretarjat ta' l-Istat tas-Santa Sede, dwar post il-Knisja Kattolika fl-Unjoni Ewropea.

Fil-laqgħa se jingħata wkoll tagħrif dwar il-ħidma ta' COMECE f'oqsma bħalma huma dawk tat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea, kwistjonijiet ekonomiċi u soċjali, bio-etika u l-proċess ta' paċi fin-naħa t'isfel ta' l-Ewropa.

# IT-TAGĦLIM LI L-PAPA HU VIGARJU TA' KRISTU HUWA TAGĦLIM UFFIĊJALI TAL-KNISJA

Waqt li kien qed jitkellem fi programm televiżiv *Xarabank* li xxandar fit-30 ta' Marzu 2001, saċerdot qal dan li ġej: "L-idea żbaljata meta nsejħu lill-Papa 'Vigarju ta' Kristu'. Teoloġikament hija żbaljata. Il-Papa huwa suċċessur ta' San Pietru u mhux Vigarju ta' Kristu. Kristu għadu magħna. Kristu ma għandu l-ebda bżonn Vigarji. Kristu qalilna, 'Nibqa' magħkom sa l-aħħar ta' ... Anke meta, uffiċjalment, Malta, nibqgħu ngħidu, anke mill-Kurja, pubblikament, 'Vigarju ta' Kristu'. Il-Papa hu suċċessur ta' San Pietru."

Fid-dawl ta' dan id-diskors, l-Isqfijiet f'Malta jridu jfakkru li l-Konċilju Vatikan II jgħallem, u jrid li l-membri tal-Knisja jemmnu bil-qawwa kollha, li l-Papa huwa l-Vigarju ta' Kristu.

Il-Kostituzzjoni Dommatika dwar il-Knisja (*Lumen Gentium*) tgħid:

"Il-Papa, minħabba l-uffiċċju tiegħu ta' Vigarju ta' Kristu u ragħaj tal-Knisja kollha, għandu fuq il-Knisja s-setgħa sħiħa, l-iżjed għolja u universali li hu jista' jeżerċita l-ħin kollu bil-libertà kollha" (Kap III, 22).

L-istess jgħid il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika (882).

Dan juri bl-iktar mod ċar li jekk wieħed jgħid li l-Papa mhux Vigarju ta' Kristu, dan ikun kompletament żbaljat u min irid jimxi skond it-tagħlim uffiċjali tal-Knisja ma jistax jaċċettah.

L-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi jfakkru wkoll li meta s-saċerdot jingħata u jaċċcetta l-fakultà li jippriedka, dan irid jagħmlu f'isem il-Knisja. Is-saċerdot hu obbligat li, meta jippriedka, iwassal fedelment it-tagħlim ta' l-Evanġelju u t-tagħlim uffiċjali tal-Knisja, mhux il-fehmiet personali tiegħu. Dan jgħodd għal kull saċerdot. Fil-qadi ta' dan l-obbligu, is-saċerdot irid ikun leali, koerenti u attent li ma jaqa' qatt fl-iżball li jxandar tagħlim li jista' jnissel konfużjoni u disgwid.

# KJARIFIKA
# dwar ex-Koordinatur fil-Kawża għall-Beatifikazzjoni ta' Adeodata Pisani

Fil-programm televiżiv *Xarabank* ta' nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Marzu 2001, is-Sinjura Emily Barbaro Sant tkellmet dwar il-każ meta s-Sur Arthur Barbaro Sant kien ġie mwaqqaf milli jkompli l-ħidma tiegħu bħala Koordinatur tal-Kawża għall-beatifkazzjoni tal-Ven. Marija Adeodata Pisani OSB.

Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca jiddikjara li s-Sinjura Barbaro Sant taf li hu (l-Arċisqof) ħa din id-deċiżjoni minħabba li d-direttivi tiegħu ma ġewx obduti.

# IT-TEOLOGI JIDDIKJARAW LI FEJQAN FL-INTERĊESSJONI TAL-VEN. ADEODATA PISANI KIEN MIRAKOLUŻ

Il-Kungress tat-Teologi tal-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin iddikjara unanimament li fejqan xjentifikament inspjegabbli li sar bl-interċessjoni tal-Venerabbli Qaddejja ta' Alla Marija Adeodata Pisani OSB, kien fejqan mirakoluż. Id-deċiżjoni tal-Kongregazzjoni ngħatat il-bieraħ, it-Tlieta, 3 ta' April 2001.

Ir-rapporti tal-Konsulturi Teologi issa se jiġu stampati u l-każ jitressaq għall-istudju tal-Kongregazzjoni Ordinarja tal-Kardinali u l-Isqfijiet. Jekk il-ġudizzju definittiv tal-Kardinali jkun wieħed pożittiv, il-Ven. Marija Adeodata Pisani tkun waslet fl-istadju li tiġi beatifikata.

Il-każ ta' fejqan staordinarju bl-interċessjoni tal-Ven. Marija Adeodata Pisani huwa dak ta' Madre Badessa tal-Komunità Benedittina ta' Subiaco li seħħ fis-sena 1897. Il-Madre Badessa kienet mardet serjament b'infezzjoni u tumur. Hija kienet waslet biex tmut u ngħatat l-aħħar sagramenti. Sar talb għal fejqan bl-interċessjoni tal-Ven. Marija Adeodata Pisani u fl-24 ta' Novembru 1897, meta kulħadd kien qed jaħseb li se tmut, qamet mis-sodda mfejqa.

Id-dokumentazzjoni dwar dan il-fejqan tressqet l-ewwel darba quddiem il-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin, fl-1912. Il-każ reġa' tressaq quddiem il-Kongregazzjoni fid-19 ta' Frar 1996.

Fit-13 ta' Frar 2001 il-Kummissjoni tat-Telogi tal-Kongregazzjoni tal-Qaddisin tat deċiżjoni unanima li ġie ppruvat li l-Ven. Marija Adeodata Pisani għexet l-virtujiet teologali u kardinali b'mod erojku.

Fid-19 ta' Frar 2001, l-esperti mediċi li eżaminaw l-każ iddikjaraw li l-fejqan kien medikament inspjegabbli.

Fl-20 ta' Marzu 2001, il-Kongregazzjoni Ordinarja tal-Kardinali ddeċidiet li tagħti parir lill-Papa biex joħroġ id-digriet fejn jiddikjara li l-Ven. Marija Adeodata Pisani OSB għexet il-virtujiet teologali u kardinali b'mod erojku. Dawn il-virtujiet teologali huma dawk tal-fidi, tama u mħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu. Il-virtujiet kardinali huma dawk ta' l-għaqal, ġustizzja, rażan u qawwa u l-virtujiet l-oħra marbuta magħhom.

# IT-TEOLOGI JIDDIKJARAW LI FEJQAN BL-INTERĊESSJONI TAL-VEN. NAZJU FALZON KIEN MIRAKOLUŻ

Il-Kungress tat-Teologi tal-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin iddikjara unanimament li fejqan xjentifikament inspjegabbli li sar bl-interċessjoni tal-Venerabbli Qaddej ta' Alla Nazju Falzon, kien fejqan mirakoluż. Id-deċiżjoni tal-Kongregazzjoni ngħatat il-bieraħ, it-Tlieta, 3 ta' April 2001.

Ir-rapport tal-Konsulturi Teologi issa se jiġu stampati u l-każ jitressaq għall-istudju tal-Kongregazzjoni Ordinarja tal-Kardinali u l-Isqfijiet. Jekk il-ġudizzju definittiv tal-Kardinali jkun wieħed pożittiv, il-Ven. Nazju Falzon ikun wasal fl-istadju li jiġi beatifikat.

Il-każ ta' fejqan staordinarju bl-interċessjoni tal-Ven. Nazju Falzon huwa ta' raġel imwieled fl-1937, li għadu ħaj. Fit-3 ta' Ġunju 1981 ir-raġel ġie operat minħabba tumur. Instab li l-qagħda tiegħu kienet imwegħra ħafna. It-tobba kienu tal-fehma li ma kienex hemm tama li jfieq u jkompli jgħix. Sar talb bl-interċessjoni tal-Ven. Nazju Falzon. Ir-raġel jirrakonta li minn dak il-ħin, intelaq f'idejn il-Mulej, jittama fl-interċessjoni tal-Ven. Nazju Falzon. Jirrakkonta wkoll li wara l-operazzjoni kien qed jgħix f'ċertu biża', iżda ma baqa' jħoss xejn. Fil-15 ta' Ġunju huwa ħareġ mill-isptar. Ir-raġel konċernat qatt ma għamel kura kimoterapewtika. It-tobba wara ddikjaraw li ma kien għad fadal xejn li juri li huwa kellu tumur.

Il-każ ta' dan ir-raġel ġie ppreżentat quddiem il-Kurja ta' l-Arċisqof f'Novembru 1996. Wara li saret il-konsultazzjoni medika li soltu ssir f'każi simili, fl-10 ta' Ottubru 1997 Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca ħatar Tribunal biex jiġbor it-tagħrif u x-xiehda meħtieġa skond in-normi tas-Sante Sede. Il-każ tressaq quddiem il-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin fil-11 ta' Ġunju 1999.

Fit-23 ta' Ottubru 1987, il-Ven. Nazju Falzon ġie ddikjarat li għex il-virtujiet teologali tal-fidi, tama u mħabba lejn Alla u lejn għajru u l-virtujiet kardinali ta' l-għaqal, ġustizzja, rażan u qawwa u l-virtujiet l-oħra marbuta magħhom b'mod erojku.

Fid-19 ta' Frar 2001, l-esperti mediċi li eżaminaw il-każ iddikjaraw li l-fejqan kien medikament inspjegabbli.

# ESUMAZZJONI TAL-VEN. NAZJU FALZON

Il-fdalijiet tal-Ven. Nazju Falzon inqalgħu mill-qabar fil-ħajt li kienu fih fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù (Ta' Ġieżu) u saret ir-rikonjizzjoni tagħhom.

L-esumazzjoni saret il-lum, it-Tnejn, 9 ta' April 2001, fil-preżenza ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca; Mons. Arthur Said Pullicino, Vigarju Ġudizzjali; Fr. Luca La Rosa OFM, Postulatur tal-Kawża għall-Beatifkazzjoni tal-Ven. Nazju Falzon; u Mons. Philip Calleja, Vici-Postulatur.

L-esumazzjoni tmexxiet minn Dr. Anthony Abela Medici, li kien akkumpanjat mis-Sur John Ellul u mis-Sur Joseph Abela Medici.

Il-Ven. Nazju Falzon għex bejn l-1813 u l-1865. Meta miet, huwa ġie midfun f'qabar tal-familja fil-Knisja Ta' Ġieżu.

Din kienet it-tielet darba li saret esumazzjoni tal-fdalijiet tal-Ven. Nazju Falzon.

L-ewwel darba li l-fdalijiet ta' Nazju Falzon inqalgħu mill-qabar li kienu fih fil-Knisja Ta' Ġiezu kien fl-1869, meta l-fama tiegħu ta' qdusija kienet diġà bdiet tinxtered sew. Dakinhar, Nazju Falzon kien inqala' mill-qabar tal-familja u tqiegħed għalih f'qabar ieħor qrib dak tal-familja, fl-istess knisja.

Il-fdalijiet ta' Nazju Falzon reġgħu nqalgħu fl-1952, meta fl-Arċidjoċesi ta' Malta kien diġà beda proċess biex tibda l-Kawża għall-Beatifikazzjoni tiegħu.

Id-dokumenti juru li fl-1952, ir-ras ma nstabitx sħiħa u minnha nstabu biss xi frammenti. Kien hemm ukoll xi għadam. Kull ma nstab dakinhar kien tqiegħed f'tebut taż-żingu u tpoġġa f'qabar ġdid fil-ħajt tal-knisja, qrib il-post fejn kien qabel.

Fl-esumazzjoni li saret il-lum, l-għadam li nstab kien ftit. Irriżulta li għalkemm il-fdalijiet kienu fiż-żingu, huma kienu fi stat umdu ħafna.

L-indikazzjonijiet huma li fl-esumazzjoni ta' 1952, dak li nstab, inkluż partijiet mill-ħwejjeġ u xi fdalijiet tat-tebut oriġinali, inġabru kollha fit-tebut ġdid taż-żingu.

L-esperti forensiċi l-lum għamlu ħin twil jaħdmu biex jisseparaw l-għadam mill-bqija tal-fdalijiet l-oħra li kien hemm fit-tebut taż-żingu.

Il-fdalijiet tal-Ven. Nazju Falzon issa se jitqegħdu taħt artal fil-Knisja ta' Ġieżu, faċċata ta' fejn kien il-qabar sal-lum.

L-esumazzjoni u r-rikonoxximent ta' l-lum setgħu jsiru wara li l-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin approvat talba għal dan, li saret mill-Postulatur tal-Kawża għall-Beatifikazzjoni tal-Ven. Nazju Falzon, fid-dawl tal-possibilità li huwa jiġi beatifikat. Il-ħsieb kien ukoll li mill-fdalijiet ikunu jistgħu jittieħdu partijiet żgħar bħala relikwiji għall-Arċidjoċesi ta' Malta u d-Djoċesi ta' Għawdex.

Preżenti għall-esumazzjoni kien hemm is-Sur Paul Xuereb li fl-1952 akkumpanja lill missieru biex il-fdalijiet ta' Nazju Falzon tqegħdu fiż-żingu.

# IL-VENERABBLI NAZJU FALZON

Il-Venerabbli Nazju Falzon kien bniedem imżejjen b'ħafna doni: kellu l-lawrja ta' avukat, iggradwa fit-teoloġija, kien jaf tajjeb bl-Ingliż u fuq kollox kien ta' qalb kbira u ta' faraġ kbir għal bosta tfal foqra u għal suldati u baħrin fis-servizz Ingliż.

## Familja

Nazju Falzon twieled il-belt Valletta fl-1 ta' Lulju, 1813. Hu kien ġej minn familja distinta u profondament reliġjuża. Missieru kien l-Avukat (wara Imħallef) Francesco Giuseppe Falzon u ommu kienet Maria Tereża, bint l-Imħallef Calcedonio Debono. Huwa tgħammed fil-parroċċa tal-Portu Salvu, il-Belt.

Fil-familja kienu erba' aħwa subien u lkoll iggradwaw fil-Liġi. Tnejn minnhom saru saċerdoti. Dun Kalcidon li sar it-teżorier tal-Kapitlu tal-Katidral, u Dun Franġisk li kien konfessur imfittex ħafna. Huhom l-ieħor, Anton, iżżewweġ u kien jaħdem ta' avukat.

## Kjeriku

Ta' 15-il sena Nazju kien sar kjeriku. Għalkemm kien iggradwa wkoll fit-teoloġija, ma ħassux denn li jirċievi s-saċerdożju. Huwa rċieva biss l-erba' Ordnijiet Minuri.

L-ewwel ħidma tiegħu kienet it-tagħlim tal-katekiżmu lit-tfal ta' l-Istitut tar-Ragħaj it-Tajjeb, l-ewwel fil-Knisja ta' Santa Barbara u aktar tard fil-Knisja tal-Vitorja. Lit-tfal kien jgħinhom ukoll fl-iskola u finanzjarjament.

## L-aqwa opra tiegħu

L-aqwa opra ta' Nazju Falzon fil-Knisja f'Malta kienet il-ħidma tat-tagħlim tal-katekiżmu li wettaq mas-suldati u baħrin fis-servizzi Ingliżi. Din dehret il-missjoni ewlenija li kellha tispikka fil-missjoni kjerikali tiegħu. Għall-bidu kien ilaqqa' lis-suldati u l-baħrin f'daru stess, fi Triq id-Dejqa. Iżda meta dawn kibru sew fin-numru, kellu jibda jlaqqagħhom

fil-Knisja tal-Ġiżwiti, il-Belt. Kien waqqaf għalihom il-Kongregazzjoni tar-Rużarju, magħrufa bħala *The Congregation*. Kiteb ukoll ktieb tat-talb bl-isem *The Comfort of the Christian Soul*. Huwa kien iġib apposta minn barra kotba spiritwali bl-Ingliż biex iqassamhom lin-nies tas-servizzi.

Is-suldati u l-baħrin kellhom fiduċja għamja f'Nazju Falzon. Kienu jafu li hu avukat u kienu jersqu lejh għal bosta pariri u kien jgħinhom ukoll biex jikkomunikaw ma' qrabathom. Meta kienu jkunu sejrin għall-gwerra kienu jafdawlu l-aktar oġġetti prezzjużi, fosthom affarijiet tad-deheb, bil-ħsieb li jekk jiġu nieqsa, kien jibgħathom lil nieshom.

## Mijiet jitgħammdu

Billi f'dawk iż-żminijiet f'Malta kien hawn mal-20,000 suldat jew baħri fis-servizzi Ingliżi, Nazju Falzon kien jgħallem il-katekiżmu lil dawn li kienu fis-servizzi Ingliżi. Bosta minn dawn kienu Protestanti u bdew imorru ma' sħabhom għal-laqgħat tal-Kongregazzjoni. Huwa organizzahom f'diversi klassijiet biex iħejjihom għas-sagrament tal-Magħmudija. Il-għadd ta' dawk il-baħrin u suldati li rċevew il-Magħmudija bis-saħħa tiegħu kien 'il fuq minn 650.

Il-Venerabbli Falzon kien jibqa' jsegwi lil dawk li jirċievu l-Magħmudija saż-żwieġ jekk dawn kienu jitgħarrsu xi Maltija. Kien jinkurraġġihom jinkitbu fil-Labtu tal-Karmnu u jara li, jekk ikunu se jmutu, jirċievu s-sagrament tal-Griżma tal-Morda.

Uħud mill-kollaboraturi ta' Nazju Falzon saru saċerdoti u kappillani Militari jew tan-Navy Ingliża. Fr Cullens, li sar saċerdot bil-għajnuna ta' Nazju Falzon, kompla din il-missjoni mal-baħrin u s-suldati wara l-mewt tal-Ven. Falzon.

## Mewtu

Il-Ven. Nazju Falzon miet dak inhar stess ta' għeluq sninu, fl-1 ta' Lulju 1865, fl-għomor ta' 52 sena. Huwa ndifen fil-qabar ta' familtu fil-Kappella tal-Konċizzjoni fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Minuri, Ta' Ġieżu, il-Belt.

Il-fama tiegħu għal qdusitu u d-devozzjoni lejh mill-ewwel xterrdu mhux biss f'Malta, iżda wkoll fejn kienu jemigraw il-Maltin. Tliet snin wara mewtu, l-Isqof ta' Malta, Mons. Gejtanu Pace Forno OSA ordna biex

il-katavru tiegħu jinqala' minn qabru u jitqiegħed għalih f'kappella fid-daħla ta' l-istess knisja.

## Proċess għall-Beatifikazzjoni

Hekk kif ingħata bidu għall-proċess tal-beatifkazzjoni tiegħu, l-Isqfijiet Ingliżi li semgħu mill-baħrin u mis-suldati fid-djoċesi tagħhom b'ħidmet il-Ven. Nazju Falzon, kienu minn ta' quddiem li kitbu *Ittri postulatorji* biex isaħħu l-proċess.

Fit-23 ta' Ottubru 1987, il-Ven. Nazju Falzon ġie ddikjarat li għex il-virtujiet teologali u kardinali b'mod erojku.

## Fejqan Straordinarju

Il-każ ta' fejqan staordinarju bl-interċessjoni tal-Ven. Nazju Falzon seħħ ma' raġel imwieled fl-1937, li għadu ħaj. Fit-3 ta' Ġunju 1981, ir-raġel ġie operat minħabba tumur u l-qagħda tiegħu kienet imwiegħra ħafna. It-tobba kienu tal-fehma li mhux ser jfiq u lanqas jgħix. Sar talb bl-interċessjoni tal-Ven. Nazju Falson. Ir-raġel jgħid li wara l-operazzjoni baqa' beżgħan, iżda baqa' ma jħoss xejn. Fil-15 ta' Ġunju ħareġ mill-isptar u anqas biss għamel kura kimoterapewtika. It-tobba ddikjaraw li t-tumur għeb għal kollox.

Wara li t-Tribunal Ekkleżjastiku ġabar it-tagħrif u x-xiehda, dawn intbagħtu Ruma skond in-normi tas-Santa Sede. Id-deċiżjoni tal-Kongregazzjoni tal-Kawżi tal-Qaddisin, li ttieħdet nhar it-Tnejn, 19 ta' Frar 2001 sabet li skond ir-rapport tal-ħames esperti mediċi mqabbda minnha, il-fejqan kien medikament inspjegabbli.

# TBERIK TAL-KNISJA L-ĠDIDA F'PEMBROKE

Il-Knisja l-ġdida ta' Pembroke, li hija dedikata lil Kristu Rxoxt u tesa' 350 persuna bilqiegħda, se tiġi mbierka minn Mons. Isqof Annetto Depasquale nhar is-Sibt, 14 ta' April 2001, fis-7.30 p.m., ftit qabel jibda il-Vġili ta' l-Għid il-Kbir.

Meta, fis-6 ta' Novembru 1989, l-Ibraġ sar Żona Pastorali Awtonoma, Pembroke ngħaqad ma' l-Ibraġ u bdew jitħejjew il-pjani meħtieġa biex f'Pembroke jinbena ċentru pastorali.

Fl-1996, l-Awtorità ta' l-Ippjanar ħabbret Pjan ta' Azzjoni biex f'Pembroke ikun hemm fuq elf unit residenzjali ieħor, faċilitajiet komunitarji u rikreattivi, u uffiċini. Dwar ċerti partijiet ta' dan il-pjan kien hemm xi diffikultajiet u sar xi tibdil. Issa tlesta xi bini ġdid (lejn San Ġorġ) u nbena bini ġdid ieħor fid-daħla ta' Pembroke, waqt li qed isiru tħejjijiet dwar postijiet oħrajn. Kollox juri li l-komunità ta' Pembroke, li llum hija magħmula minn 700 familja li jħaddnu 2,300 persuna, se tkompli tikber ħafna u malajr.

Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi, il-Knisja f'Malta ħadet għadd ta' deċiżjonijiet. Il-Knisja assenjat qassisin għaż-żona ta' Pembroke, għamlitha Żona Pastorali Awtonoma, u tat bidu għall-bini taċ-Ċentru Pastorali.

Iċ-Ċentru Pastorali ta' Pembroke jħaddan knisja, sala kbira, kmamar għat-tagħlim tal-katekiżmu, kmamar għal-laqgħat, uffiċċji ta' amministrazzjoni, appartament fejn joqogħdu l-qassisin li jkunu qed jagħtu servizz lill-komunità u kmamar għar-rikreazzjoni.

F'Awissu 1998 beda t-tqattigħ tal-blat waqt li f'Novembru 1998 beda x-xogħol tal-bini ta' l-ewwel fażi. Il-bini tal-knisja kien l-aħħar parti tal-proġett.

Biex ikun hemm il-flus meħtieġa ħalli x-xogħol ikun jista' jibda, il-Kurja ta' l-Arċisqof ipprovdiet self t'apposta, kif isir is-soltu f'każi bħal dawn. Il-proġett għandu wkoll l-appoġġ kbir tal-familji ta' Pembroke, ħafna minnhom familji żgħażagħ. Dawn il-familji ħassew li dan hu proġett tagħhom u ta' wliedhom. Għalhekk, huma kienu ġenerużi kemm b'ideat, ħidma volontarja u wkoll finanzi.

*Aktar tagħrif jista' jinkiseb mingħand Dun Anton Portelli (Tel/Fax: 372740)*

# STQARRIJA
## ta' l-Isqfijiet Maltin dwar il-Ħsara fl-Imnajdra

Kull min iħobb tassew lil din l-art għażiża li tatna isimha u lil dak kollu li jsawwar l-identità tagħna bħala poplu, ma jistax ma jħossux imnikket u ma jistmerrx l-azzjoni ħażina li saret lil ġensna u lill-wirt akreologu dinji bil-ferita kbira li jdejn moħbija wettqu fuq it-Tempju ta' l-Imnajdra.

Il-poplu tagħna għandu kull raġun iħossu maħsud u muġugħ bil-ġerħa serja li saret lil Tempju li, barra li dwaru għandna responsabbiltà mondjali, juri kemm niesna, sa minn żminijiet bikrin, kienu ħerqana li jfittxu u jħobbu lil-Kreatur.

Sa qabel ma seħħ dan id-dnub soċjali kbir fl-Imnajdra, ħadd ma kien joħlom li jista' jkun li f'pajjiżna jeżisti xi ħadd li għandu l-ħila jasal sa hawn. Il-lum, li nafu bil-provi li fostna hawn min kapaċi jasal sa qerda hekk qalila u kundannabbli, tikber u ssir dejjem iżjed urġenti r-responsabbbiltà tagħna lkoll li nsaħħu l-edukazzjoni, l-apprezzament u l-ħarsien ta' wirt artna.

Aħna l-Isqfijiet, inħossu li għandna nfakkru lill-membri kollha tal-Knisja fid-dmir kbir ta' kull wieħed u waħda minna li nkunu fuq quddiem fir-rispett u l-ħarsien ta' l-integrità tal-ħolqien, ta' l-ambjent u ta' dak kollu li juri l-kobor tal-bniedem fid-dinjità u d-doni li tah il-Ħallieq.

Il-ħolqien, l-ambjent u wirt il-bniedem qegħdin hemm, min-natura tagħhom, għall-ġid komuni ta' l-umanità kollha tal-bieraħ, tal-lum u ta' għada. Nibżgħu għalihom u nħarsuhom.

✠ Ġużeppi Mercieca, Arċisqof ta' Malta
✠ Nikol Ġ. Cauch, Isqof ta' Għawdex
✠ Annetto Depasquale, Isqof Awżiljari ta' Malta

# ŻEWĠ KAŻI TA' FEJQAN BL-INTERĊESSJONI TA' NAZJU FALZON U TA' ADEODATA PISANI KONFERMATI BHALA MIRAKOLUŻI

Il-Kongregazzjoni Ordinarja tal-Kardinali u l-Isqfijiet tal-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin iddikjarat li żewġ każi ta' fejqan xjentifikament inspjegabbli li saru wieħed bl-interċessjoni tal-Venerabbli Nazju Falzon u ieħor bl-interċessjoni ta' Marija Adeodata Pisani kienu t-tnejn fejqan mirakoluż.

Id-deċiżjonijiet tal-Kongregazzjoni ngħataw fil-Vatikan il-lum, 23 ta' April 2001, f'nofsinhar. Huma jikkonfermaw id-dikjarazzjonijiet li saru dwar dawn iż-żewġ każi mill-Kungress tat-Teologi tal-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin, fit-3 ta' April 2001.

Wara d-dikjarazzjonijiet pożittivi tal-Kungress tat-Teologi, ġew stampati r-rapporti tal-Konsulturi Teologi u ż-żewġ każi tressqu għall-istudju tal-Kongregazzjoni Ordinarja tal-Kardinali u l-Isqfijiet, li ħarġet dikjarazzjonijiet pożittivi hi wkoll.

Iż-żewġ każi ta' fejqan ġew ippreżentati quddiem il-Kongregazzjoni Ordinarja tal-Kardinali u l-Isqfijiet minn Mons. Arċisqof Josè Sebastian Laboa, li għal diversi snin kien Nunzju Appostoliku f'Malta.

Il-pass previst li jmiss issa hu li l-Papa Ġwanni Pawlu II, għada, l-24 ta' April 2001, japprova d-Digrieti li fihom jiddikjara formalment li ż-żewġ każi ta' fejqan li ma jistgħux jiġu spjegati skond ix-xjenza medika kienu t-tnejn fejqan mirakoluż, wieħed bl-interċessjoni tal-Venerabbli Nazju Falzon u l-ieħor bl-interċessjoni tal-Venerabbli Adeodata Pisani.

Malli l-Papa japprova d-Digrieti tinfetaħ it-triq biex il-Ven. Nazju Falzon u l-Ven. Marija Adeodata Pisani jkunu jistgħu jiġu beatifikati flimkien ma' Dun Ġorġ Preca, fiċ-ċelebrazzjoni li l-Papa se jmexxi fuq il-Fosos tal-Floriana fid-9 ta' Mejju 2001.

### Il-każ bl-interċessjoni ta' Nazju Falzon

Il-każ ta' fejqan staordinarju bl-interċessjoni tal-Ven. Nazju Falzon huwa ta' raġel imwieled fl-1937, li għadu ħaj. Fit-3 ta' Ġunju 1981 ir-

raġel ġie operat. Instab li l-qagħda tiegħu kienet imwegħra ħafna. It-tobba kienu tal-fehma li ma kienx hemm tama li jfieq u jkompli jgħix. Sar talb bl-interċessjoni tal-Ven. Nazju Falzon. Ir-raġel jirrakkonta li minn dak il-ħin, intelaq f'idejn il-Mulej, jittama fl-interċessjoni tal-Ven. Nazju Falzon. Jirrakkonta wkoll li wara l-operazzjoni kien qed jgħix f'ċertu biża', iżda ma baqa' jħoss xejn. Fil-15 ta' Ġunju huwa ħareġ mill-isptar. Ir-raġel konċernat qatt ma għamel kura kimoterapewtika. It-tobba wara ddikjaraw li ma kien għad fadal xejn li juri li huwa kellu tumur.

Il-każ ta' dan ir-raġel ġie pprezentat quddiem il-Kurja ta' Arċisqof f'Novembru 1996.

## Il-każ bl-interċessjoni ta' Adeodata Pisani

Il-każ ta' fejqan staordinarju bl-interċessjoni tal-Ven. Marija Adeodata Pisani huwa dak ta' Madre Badessa tal-Komunità Benedittina ta' Subiaco, Giuseppina Damiani, li seħħ fis-sena 1897. Il-Madre Badessa kienet mardet serjament b'infezzjoni u tumur. Hija kienet waslet biex tmut u ngħatat l-aħħar sagramenti. Sar talb għal fejqan bl-interċessjoni tal-Ven. Marija Adeodata Pisani u fl-24 ta' Novembru 1897, meta kulħadd kien qed jaħseb li se tmut, qamet mis-sodda mfejqa.

Id-dokumentazzjoni dwar dan il-fejqan tressqet l-ewwel darba quddiem il-Kongregazzjoni għall-Kawżi tal-Qaddisin fl-1912. Il-każ reġa' tressaq quddiem il-Kongregazzjoni fid-19 ta' Frar 1996.

# IMORRU RUMA GHALL-IFFIRMAR MILL-PAPA TAD-DIGRIETI DWAR MIRAKLI BL-INTERĊESSJONI TA' NAZJU FALZON U ADEODATA PISANI

Mons. Isqof Annetto Depasquale, Mons. Philip Calleja u Mons. Carmel Zammit marru Ruma fejn se jingħaqdu ma Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca biex għada, it-Tlieta, 24 ta' April 2001 jattendu għal ċerimonja li fiha l-Papa Ġwanni Pawlu II hu previst li jiffirma d-Digrieti li bihom jiddikjara formalment li żewġ fejqan li saru bl-interċessjoni tal-Ven. Nazju Falzon u tal-Ven. Marija Adeodata Pisani kienu t-tnejn fejqan mirakoluż.

Mons. Calleja se jattendi bħala Viċi-Postulatur tal-Kawża għall-Beatifikazzjoni tal-Ven. Nazju Falzon, filwaqt li Mons. Zammit se jattendi bħala l-Koordinatur Djoċesan tal-Kawża għall-Beatifikazzjoni tal-Ven. Marija Adeodata Pisani.

Sakemm Mons. Arċisqof u Mons. Isqof Awżiljarju jkunu msefrin, id-dmirijiet ta' Arċisqof se jkunu f'idejn Dun Anton Gouder, Segretarju Pastorali.

## Mota ta' kwarta

B'direttiva ta' l-Isqfijiet Maltin, fl-okkażjoni ta' l-iffirmar tad-Digrieti mill-Papa, il-qniepen tal-knejjes parrokkjali fil-gżejjer Maltin se jingħaqdu f'mota ta' kwarta li tibda f'nofsinhar ta' għada, it-Tlieta, 24 tax-xahar.

Fl-istess jum, se jinxtegħlu l-fontispizji u s-Slaleb tal-knejjes, minn inżul ix-xemx sal-11.00 p.m.

F'kull parroċċa se ssir ukoll Quddiesa ta' ringrazzjament, f'jum u ħin adattati.

Barra minn hekk, f'kull parroċċa, f'jum u f'ħin adattati, preferibbilment il-Ħamis 26 tax-xahar, issir siegħa adorazzjoni ewkaristika b'radd ta' ħajr lill-Mulej għall-iffirmar tad-Digriet tal-mirakli bl-interċessjoni tal-Ven. Nazju Falzon u l-Ven. Adeodata Pisani.

# IL-PAPA JAPPROVA D-DIGRIETI TAL-MIRAKLI BL-INTERĊESSJONI TA' NAZJU FALZON U ADEODATA PISANI

Il-Papa Ġwanni Pawlu II il-lum, it-Tlieta, 24 ta' April 2001, approva żewġ Digrieti li fihom iddikjara li żewġ fejqan xjentifikament inspjegabbli kienu t-tnejn fejqan mirakoluż u saru wieħed bl-interċessjoni tal-Venerabbli Qaddej ta' Alla, Nazju Falzon u l-ieħor bl-interċessjoni tal-Venerabbli Qaddejja ta' Alla, Marija Adeodata Pisani.

Għall-okkażjoni ta' l-approvazzjoni tad-Digriet mill-Papa, li saret fis-Sala tal-Konċistorju, fil-Vatikan, kien preżenti Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca.

Kienu preżenti wkoll Mons. Isqof Annetto Depasquale; Mons. Philip Calleja, Viċi-Postulatur tal-Kawża għall-Beatifkazzjoni ta' Nazju Falzon u Mons. Carmel Zammit, Koordinatur Djoċesan tal-Kawża għall-Beatifikazzjoni tal-Ven. Marija Adeodata Pisani.

L-approvazzjoni tad-Digrieti mill-Papa jfisser li issa kollox huwa lest biex tkun tista' ssir il-beatifikazzjoni ta' Nazju Falzon u Adeodata Pisani.

# ITTRA PASTORALI
# dwar Żjara tal-Papa 2001

## IL-PAPA JSAHHAHNA FIL-FIDI

Maħbubin Uliedna,

Huwa żgur ta' ferħ kbir għalina lkoll, Maltin u Għawdxin, li nerġgħu jilqgħu fostna lill-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II nhar it-8 u d-9 ta' Mejju li ġej.

Bħala Vigarju ta' Kristu u Suċċessur ta' l-Appostlu Pietru, il-Papa rċieva l-kmand mingħand il-Mulej Irxoxt "Irgħa n-nagħaġ tiegħi" *(Ġw. 21, 16-17)*. Il-Papa għalina huwa r-Ragħaj Suprem u għalhekk waqt li nuruh il-lealtà tagħna, aħna nilqgħuh f'artna bħala l-Qaddej tal-Qaddejja ta' Alla li ġie fostna biex "iwettaq lil ħutu" *(cf. Lq. 22, 32)*.

Tassew għandna għaliex inħossuna xxurtjati u mbierka għall-fatt li l-Papa għażel li jinkludi l-pajjiż ċkejken tagħna bħala waħda mill-waqfiet li se jagħmel matul il-pellegrinaġġ ġubilari tiegħu fuq il-passi ta' San Pawl. Ta' dan għandna nirringrazzjaw lill-Mulej.

Il-fidi li żera' fostna Missierna San Pawl għaddiet minn ħafna twehir matul is-sekli. Il-lum, xejn inqas minn żminijiet oħra, il-fidi nisranija tagħna għandha bżonn tissaħħaħ. Għandna bżonn nindukrawha, inħarsuha u nikkoltivawha. Dan nagħmluh permezz tax-xiehda awtentika tagħna li tinbet u tikber biss fejn hemm it-tagħlim tajjeb li hu l-għajn ta' kull ġid.

Il-Papa ġej biex iwettaqna fir-rieda soda tagħna li nibqgħu nħaddnu l-fidi nisranija li ġabilna San Pawl anke matul it-tielet millennju li għadna kemm bdejna. Dan iseħħ jekk aħna mhux biss nieħdu sehem bi ħġarna fil-Quddiesa Solenni fuq il-Fosos nhar id-9 ta' Mejju, iżda wkoll u fuq kollox jekk ngħożżu l-kliem li se jwasslilna l-Papa u nsarrfuhom f'għemil nisrani tassew.

### L-ewwel Beati Maltin

Nittamaw fil-Mulej li l-jum tad-9 ta' Mejju jibqa' mfakkar fl-istorja ta' pajjiżna bħala l-jum li fih il-poplu Malti kollu feraħ u radd il-ħajr lil

Alla għad-don kbir ta' l-ewwel tliet Maltin beatifikati: Dun Ġorġ Preca, il-Kjeriku Nazju Falzon u Swor Marija Adeodata Pisani. It-tlieta semgħu lil Kristu jsejħilhom: "Ejja warajja" *(Ġw. 21, 19)*, u t-tlieta li huma, kull wieħed skond il-vokazzjoni proprja tiegħu, mexa wara l-Mulej u ħabbu fuq kollox.

Il-Venerabbli Dun Ġorġ Preca (1880–1962) ħass kmieni li s-sejħa tiegħu kienet dik li jgħallem lill-poplu ta' Alla. Huwa ħaddan it-tagħlim ta' l-Appostlu Missierna fit-Tieni Ittra lil Timotju: "Kull ma smajt minn għandi quddiem ħafna xhieda, għaddih lin-nies ta' fiduċja, li huma stess ikollhom il-ħila jgħallmuh ukoll lill-oħrajn" *(2Tim. 2,2)*. Fl-1907 huwa waqqaf is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, M.U.S.E.U.M.

Il-Venerabbli Kjeriku Nazju Falzon (1813–1865) kien bniedem ta' umiltà kbira. Huwa ħadem fil-qasam tal-katekeżi u fl-għajnuna soċjali ta' min kien fil-bżonn. Huwa għaraf ukoll jgħin lil ħafna baħrin u suldati Ingliżi li fi żmienu kienu jigu Malta numerużi u bil-ħlewwa tiegħu ġibed mijiet minnhom għall-fidi kattolika.

Il-Venerabbli Swor Marija Adeodata Pisani (1806–1855) kellha trobbija diffiċli ħafna minħabba s-seperazzjoni tal-ġenituri tagħha. Irrinunzjat għal ħafna ġid li kellha mingħajr tlaqliq u fil-Monasteru Benedittin ta' San Pietru fl-Imdina ħaddnet ħajja sempliċi u awstera minsuġa bit-talb u l-kontemplazzjoni.

Dawn it-tlieta minn ħutna, li kontinwament jinterċedu għalina, ħabbew lil Ġesù fuq kollox u merew qalbhom biex jogħġbu lilu. Aħna wkoll, f'qalbna nisimgħu leħen il-Maħbub Ġesù jistaqsina, bħalma staqsa lil Pietru: "Tħobbni int?" *(Ġw 21, 16. 17)*. Jista' jkun li anke aħna nħossu, bħal Pietru, għafsa ta' qalb x'ħin nisimgħu leħen il-Mulej *(Ġw 21, 17)*. Iżda ejjew ma nwebbsux qalbna. Ejjew bl-umiltà, b'kuraġġ u b'fiduċja, lill-Mulej Irxoxt ngħidulu: "Iva Mulej, int taf li nħobbok" *(Ġw 21, 15. 16)*. Biss waqt li nlissnu din ir-risposta, ma ninsewx li, "jekk xi ħadd jgħid: 'Jiena nħobb lil Alla', u jobgħod lil ħuh, dan ikun giddieb" *(1 Ġw 4, 21)*.

## Tagħlim spiritwali

Xtaqna nagħlqu dan il-messaġġ tagħna b'xi tagħlim li wasslilna l-Venerabbli Dun Ġorġ Preca dwar il-qdusija, meħud mill-ktieb tiegħu, *Id-Direttorju Spiritwali* li nkiteb fl-1954:

"Kristu jridna perfetti għal Alla dwar il-qdusija. Huwa jgħidilna:

'Kunu perfetti bħalma hu perfett il-Missier tagħkom fis-sema'. Bil-għajnuna tal-grazzja kollox huwa possibbli għalina" *(DS 39, 418)*.

"Tassew li tkun qaddis jekk titgħakkes: peró mhuwiex tgħakkis ta' qdusija jekk ma jkunx kontinwu u bl-imħabba. Mieri lil qalbek, u allura qalbek timtela bil-paċi: istaqsi lil min ġarrab din il-verità" *(DS 11)*.

"Min jgħallem il-verità u l-ġustizzja jrid isaħħaħ l-kliem tiegħu bl-eżempju" *(DS 69)*.

## Rigal lill-Papa

Bħala turija ta' radd il-ħajr lill-Qdusija Tiegħu tkun ħaġa xierqa jekk id-Djoċesijiet tagħna jagħtu rigal lill-Papa. Ħsibna li l-aħjar mod kif isir dan ikun billi tingħata kontribuzzjoni ta' flus ġejja mill-poplu biex tgħin lill-Qdusija Tiegħu fl-opri ta' karità, li huwa għandu, u li huma konnessi ma' l-Appostolat tal-Lajċi. Għalhekk, nhar is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd, 5 u 6 ta' Mejju, se ssir ġabra fil-knejjes għal dan l-iskop.

Jalla l-okkażjoni tal-pellegrinaġġ tal-Qdusija Tiegħu l-Papa fostna u l-Beatifikazzjoni ta' dawn it-tlieta minn ħutna, ikunu għalina lkoll okkażjoni ta' ferħ, esperjenza qawwija ta' fidi, mument sabiħ ta' għaqda u rikonċiljazzjoni bejn kulħadd u ma' kulħadd.

Waqt li nitolbu l-interċessjoni qawwija ta' Dun Ġorġ, ta' Nazju u ta' Swor Marija Adeodata, mill-qalb nagħtukom il-barka pastorali tagħna b'rahan ta' kull ġid mis-sema.

Il-lum, 25 ta' April 2001, Festa ta' San Mark Evanġelista.

✠ ĠUŻEPPI MERCIECA, Arċisqof ta' Malta

✠ NIKOL Ġ. CAUCHI, Isqof ta' Għawdex

Joe Magro, Segretarju

# SAĊERDOTI U RELIĠJUŻI LI MIETU FIS-SENA 2000

## Kan Dun Joe Bugeja

Il-Kan. Dun Joe Bugeja kien dejjem magħruf għall-karattru ferrieħi u ċajtier tiegħu. Huwa ġie ordnat qassis fl-1962. Kien bniedem umli u dejjem lest biex jgħin. Kellu mħabba kbira għall-morda u persuni b'diżabbiltà u għal ħafna snin kien l-Assistent Ekkleżjastiku tal-Kummissjoni Morda ta' l-Azzjoni Kattolika u editur tar-rivista, *Faraġ*. Huwa ħadem ukoll ma' *Leħen is-Sewwa* u għamel ukoll żmien twil bħala editur tal-paġna tat-tfal. Għal ħafna snin kien ukoll il-produttur u preżentatur ta' programm reliġjuż fuq ir-Redifussion. Huma miet fl-età ta' 66 sena fid-dar tal-Kleru, B'kara fil-31 ta' Jannar 2000.

## Dun Ġużepp Bugeja

Dun Ġużepp Bugeja twieled f'Bormla fit-2 ta' April 1931. Meta daħal fl-Ordni Karmelitan huwa ħa l-isem Ġeraldu. Studja fil-Kulleġġ ta' San Ċirillu fil-Balluta. Għamel il-professjoni reliġjuża tiegħu fil-5 ta' Ottubru 1947 u ġie ordnat saċerdot fis-7 ta' Awissu 1955. Ħalla l-Ordni Karmelitan u wara xi żmien Mons. Arċisqof aċċettah bħala saċerdot djoċesan. Ta s-servizz pastorali tiegħu fil-Parroċċa ta' Kristu Re, Raħal Ġdid. Fost ħidmiet pastorali oħra f'din il-parroċċa kien ta' għajnuna kbira fit-tqarbin tal-morda. Huwa miet fid-Dar tal-Kleru fl-14 ta' Novembru 2000.

## Mons. Giuseppe Lupi

Mons. Giuseppe Lupi twieled f'tas-Sliema fit-28 ta' Settembru 1914. Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu fil-Liċeo u fl-Università ta' Malta minn fejn iggradwa B.L.Can u D.D. fl-1937. Wara li kien ordnat qassis, huwa mar Ruma biex jistudja l-Filosofija fl-Università Gregorjana, fejn iggradwa Ph.L.

Fl-1939 ġie magħżul biex ikun il-prefett ta' l-istudji tas-Seminarju fil-Furjana: kariga li dam fiha sal-1977. Fil-1951 huwa nħatar president tal-

Kummissjoni Liturġika Maltija. Fl-1951 kien aġent-lecturer fil-filosofija għal sitt xhur. Kien lecturer fil-liturġija (1951–75) u lecturer fil-patroloġija (1951-89) fil-fakultà tat-teoloġija. Fl-1985 huwa rċieva t-titlu ta' professur emeritu mill-Kongregazzjoni għall-Edukazzjoni Nisranija.

Bħala rikonnoximent għall-ħidma tabilħaqq kbira tiegħu fil-Knisja, huwa nħatar Kanoniku (1958) u dekan tal-Kapitlu tal-Kattidral Metropolitan (1985). Fl-1977 l-Arċisqof għamlu Segretarju Djoċesan u serva ukoll bħala segretarju tal-Konferenza ta' l-Isqfijiet Maltin (1977–85). Inħatar Prelat tal-Papa fl-1981.

Monsinjur Lupi huwa l-awtur ta' pubblikazzjoni fi tliet volumi bil-Malti dwar il-Liturġija. Dan ix-xogħol jittratta dwar l-iżvilupp tal-liturġija matul is-sekli u s-sehem tagħha fil-ħidma pastorali fil-parroċċa. Huwa kkontribwixxa ukoll numru kbir ta' artikli dwar il-liturġija u l-patroloġija f'rivisti kemm lokali kif ukoll barranin. Kien jagħti ukoll ħidma kbira pastorali fil-parroċċa ta' Stella Maris, f'Tas-Sliema.

Monsinjur Lupi kien ukoll il-persuna ewlenija responsabbli għat-traduzzjoni tal-kotba ġodda tal-liturġija wara r-riformi liturġiċi tal-Konċilju Vatikan II.

Fost il-pubblikazzjonijiet li tagħhom Monsinjur Lupi kien l-editur insibu *Il-Bullettin ta' l-Arċidjoċesi*, *Ordni għaċ-Ċelebrazzjoni tal-Quddies u ta' l-Uffiċċju Divin* u pubblikazzjoni ta' kull sena, *Direttorju Ekkleżjastiku*. Minbarra dan huwa qaleb għall-Malti ħafna mill-messaġġi, ittri appostoliċi, ittri u enċikliċi tal-Papa u dokumenti importanti oħra. Qaleb ukoll għall-Malti il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika u l-ktieb ta' Ġwanni Pawlu II, *Fuq il-Għatba tat-Tama*.

Mons. Lupi miet nhar id-19 ta' Mejju 2000.

## SORIJIET AGOSTINJALIN TA' SANTA KATERINA

### Sr Angelica Darmanin

Sr. Angelica Darmanin mietet fil-11 ta' Ġunju 2000, fl-għomor ta' 90 sena. Kienet soru tħobb ħafna lil Ġesù Sagramentat; kienet tħobb tinżel fil-Kor, xi drabi ukoll meta ma tiflaħx u kienet toqgħod titkellem miegħu. Kienet soru ta' rispett kbir kemm mas-Superjuri kif ukoll mas-sorijiet l-oħra sħabha. Aċċettat il-mard minn idejn il-Mulej u dejjem kienet rikonoxxenti għal dak li kienu jagħmlu magħha.

Meta kull filgħodu kienet tmur biex tqarbinha, il-Madre kienet tistaqsiha: "Sr. Angelica, tridu lil Ġesù?" u hi, kollha ferħana, kienet twieġeb: "Mela le, isa ġibu lill-Maħbub tiegħi Ġesù".

## PATRIJIET KARMELITANI

### Patri Ġużeppi Calleja OFM Conv.

Con rammarico, segnagliamo la morte improvisa del P. Guseppe Calleja, avvenuta il 21 di Luglio 2000, alle ora 10:00, aveva 53 anni.

Nato il 20 di Ottobre 1946 a San Paolo al Mare, Malta, era ricevuto fra i frati Francescani nel 1965. Professo Solenne il 1 Ottobre del 1972, per mano del Ministro Generale, P. Vitale Bommarco, segue la sua Ordinazione Sacerdotale il 20 di Luglio 1974.

Le qualifiche accademiche: Dopo il Bacellerato (B.A.) alla *Royal University of Malta* nel 1970, proseguì con la Licenzia in Sacra Teologia (SS.Lic.) dal Biblicum di Roma. el 1985 prese il Dottorato in Teologia Biblica nella Facoltà Pontificia di San Bonaventura (Serphicum) a Roma, con la tesi: "Jesus: Resurrection and Life for all His Believers". Nel 1986 ottenne il Diploma in Patristica, dall'Istituto Agostiniano a Roma.

Insegnava presso la facoltà Pontificia di San Bonaventura fra il 1978–1989. Dal 1989 era Professore e poi "*Dean of the Faculty of Holy Scripture*" presso la rinomata *Università di Malta*. Per un periodo insegnava anche alla Focoltà di Teologia presso i Frati Minori a Gerusalemme (Israele). Fu anke esaminatore riconosciuto dallo Stato Maltese per gli esami di O-level e A-level nella tematica di Religione.

Eletto Vigario Provinciale nel 1992, durante il Provincialato del P. Alfredo Calleja, era poi eletto Custos Capitolare nel 1995, durante il Provincialato del P. Robert Agius. Era pure Maestro degli studi presso il Collegio degli studenti a B'kara.

Il funerale, celebrato il 22 Luglio 2000, alle ore 15:30, era laudamente partecipato. Oltre 95 sacerdoti; fra confratelli, religiosi e sacerdoti Diocesani, più sette diaconi concelebravano insieme al Min Prov. P. Alfredo Calleja. Un migliaio di persone; fra parenti, amici, conoscenti, professori, e studenti hanno partecipato per la messa, celebrata nella Chiesa di San Francesco a Birkirkara. Prima della sepoltura nel *Cimitero*

*della nostr Parroccia a San Paolo al Mare*, la salma fu potata solennamente nella Chiesa Parrocchiale dedicata a Maria Addolorata, dove un altra moltitudine di persone e clero lo dava l'ultimo saluto.

P. Guseppe era conosciuto per il suo amore verso lo studio e la ricerca Biblica. Era pure ricercato come direttor spirituale e confessore, sia da giovani e meno giovani e anche da molti del clero per la sua saggezza, cordialità, pazienza e semplicità. Era amato e rispettato da tutti, e la sua mancanza si farà sentire per un lungo tempo.

## Patri Clement Caruana O. Carm

Patri Clement Caruana O. Carm. twieled Ħaż-Żabbar nhar it-18 ta' Mejju 1912. Huwa għamel il-Professjoni Sempliċi nhar is-26 ta' Frar 1933 u ġie ordnat Saċerdot nhar il-31 ta' Lulju 1938. Ħalla dan il-wied ta' dmugħ nhar is-26 ta' Mejju 2000 fl-età sabiħa ta' 88 sena. Dan l-aħħar snin kien residenti fid-Dar tal-Kleru, il-Fleur-de-Lys. Patri Klement jibqa' mfakkar għall-imħabba li kellu lejn l-Ordni u l-Knisja, kif ukoll għall-ħeġġa li kellu fil-qadi tal-poplu ta' Alla. L-għada tal-mewt tiegħu sar il-funeral fil-knisja Karmelitana ta' l-Imdina li għaliha attendew għadd kbir ta' saċerdoti u Karmelitani. Wara saret id-difna fl-oqbra tal-Provinċja fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata. Patri Klement iddedika ħafna ħin mill-appostolat tiegħu għad-Direzzjoni Spiritwali tar-reliġjużi. Fil-Provinċja Karmelitana kellu diversi uffiċċji, fosthom: Kummissarju Provinċjali fil-Missjoni tal-Perù u l-Bolivja, Pirjol tal-kunventi ta' l-Imdina u l-Fgura, Surmast tan-novizzi u Direttur Spiritwali tal-Leġjun ta' Marija li wasslitu biex jiddefendi l-Knisja fil-qorti Maltija.

## Patri Rużar Caruana O. Carm

P. Rużar Caruana O. Carm, twieled il-Belt Valletta nhar it-3 ta' April 1927. Daħal fl-Ordni Karmelitan u għamel il-Professjoni Sempliċi nhar is-6 ta' Ottubru 1946 u dik Solenni fis-7 ta' Ottubru 1949. Ġie ordnat saċerdot nhar it-3 ta' Awissu 1952. L-aktar li ħadem bħala reliġjuż Karmelitan kien fil-kunvent tal-Balluta, l-aktar bħala Sagristan Maġġur u fit-Tqarbin tal-morda.

Fis-sena 1979 mar il-Kanada jaħdem f'Ontario fil-parroċċa ta' San Leo, Etobicoke. Huwa qatt ma reġa' lura Malta minn dak in-nhar fejn miet

nhar il-15 ta' Ottubru 2000. Il-funeral sarlu nhar it-18 ta' Ottubru fl-istess parroċċa ta' San Leo f'Ontario l-Kanada. Fuq xewqa tiegħu stess huwa nġieb Malta u sarlu l-funeral fil-knisja tal-Balluta nhar it-23 ta' Ottubru 2000 mill-Provinċjal, P. Amadeo Zammit O. Carm flimkien mar-reliġjużi Karmelitani u saċerdoti oħra.

## PATRIJIET FRANĠISKANI MINURI

### Patri Eġidju Ferriggi O.F.M.

P. Eġidju ħalla dan il-wied tad-dmugħ, nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Jannar, 2000. P. Eġidju, li twieled tas-Sliema fis-27 ta' April 1911, libes iċ-ċoqqa Franġiskana fid-29 ta' Settembru 1927. Huwa għamel il-Professjoni Solenni fit-8 ta' Mejju 1932 u ġie ordnat saċerdot fid-29 ta' Lulju 1934. Għamel żmien Kappillan tal-Parroċċa tas-Sacro Cuor kif ukoll serva bħala Kappillan Militari fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija.

Minn Ġunju ta' l-1948 għex għomru u żmienu, kif ngħidu bil-Malti, ġewwa Adelaide, South Australia. Kien hu li hemmhekk, waqqaf il-Parroċċa ta' *Christ the King*, Lockley fejn għamel żmien twil bħala Kappillan. Kemm dam l-Awstralja serva wkoll bħala Superjur tal-fraternità Franġiskana, Kappillan Militari u Kappillan ta' bosta għaqdiet reliġjużi u soċjali. Wieħed jista' jgħid li P. Eġidju baqa' attiv sa l-aħħar għax kien jagħmel xogħol pastorali ma' l-anzjani ġewwa Villa St. Hilarion fejn kien ilu irtirat mis-sena 1993, għalkemm hu stess kien wieħed minnhom.

Il-funeral tiegħu, li sar il-Ħamis 27 ta' Jannar 2000 ġewwa l-Katidral ta' St. Francis Xavier ġewwa Adelaide, jixhed ir-rispett, l-istima u l-imħabba li kien igawdi min-naħa kemm tad-Djoċesi kif ukoll tan-nies kollha, Maltin, Taljani u Awstraljani li ħadem magħhom. Għall-Quddiesa, li qaddes l-Arċisqof Leonard Faulkner u li fiha kkonċelebraw numru sabiħ ta' saċerdoti, kien hemm preżenti għadd kbir ta' nies li kienu jafuh. Hawn Malta il-Provinċjal mexxa Quddiesa li saret b'suffraġju għal ruħu, nhar l-Erbgħa 26 ta' Jannar 2000, ġewwa l-Parroċċa tas-Sacro Cuor Sliema.

## PATRIJIET ĠIŻWITI

### Fr Benoît Micallef, SJ

Fr Benoît Micallef, SJ, twieled Ħal Balzan fit-12 ta' Jannar 1929, iben Joseph u Georgia née Azzopardi. Huwa daħal fil-Kumpanija ta' Ġesù fis-16 ta' Ġunju 1954 u wara n-novizzjat studja l-filosofija u t-teoloġija l-Ġermanja, l-Italja u l-Kanada, u ggradwa bħala bibjotekarju l-Istati Uniti. Ġie ordnat saċerdot fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta, nhar is-16 ta' Awissu 1964.

Huwa ħadem il-Kulleġġ San Alwiġi, Birkirkara, u fil-Bibljoteka Ġwanni XXIII, il-Belt Valletta. Għal diversi snin għex Dar Loyola, in-Naxxar, u Mount St. Joseph, il-Mosta u kien l-ewwel Ġiżwita li offra s-servizz pastorali tiegħu fost il-ħaddiema taż-żejt, il-Libja. Miet ħesrem, b'Bieb il-Belt, nhar l-10 ta' Jannar 2000.

## PATRIJIET TEREŻJANI

### Patri Tarċisju Licari

Patri Tarċisju Licari għadda għal ħdan il-Mulej nhar il-Ħadd, 27 ta' Awissu, fl-età ta' 83 sena. F'dawn l-aħħar snin kien batut sew f'saħħtu. Miet fid-Dar tal-Kleru mdawwar minn ħutu r-reliġjużi u megħjun mill-Qaddejja taċ-Ċenaklu.

Imwieled Francis f'Bormla fil-25 ta' April 1917 minn John u Tereża mwielda Cilia, huwa daħal fin-Novizzjat Tereżjan fid-9 ta' Ottubru 1932. Ipprofessa solenni fl-1 ta' Mejju 1938. P. Tarċis ġie ordnat saċerdot minn Mons. M. Gonzi fil-Katidral ta' l-Imdina fid-29 ta' Marzu 1941 fl-eqqel tal-gwerra flimkien ma' P. Leonardu Aquilina, P. Silverju Pisani, u P. Rodrigu Abela; illum dawn kollha għaddew fil-ħajja l-oħra.

Qeda l-uffiċċju ta' pirjol fil-komunità ta' B'Kara (1957–1959) u għal tliet darbiet, bejn 1963 u 1972, kien superjur fil-kunvent f'Ta Xbiex. Kien ukoll kunsillier provinċjali. Ta sehmu wkoll bħala membru tal-komunità tal-patrijiet fil-qadi pastorali f'Bormla u l-Ħamrun għal sena matul il-gwerra.

## PATRIJIET AGOSTINJANI

### P. Ġlormu Mangion OSA

Nhar il-Ħamis, 1 ta' Ġunju 2000, miet fid-Dar tal-Kleru, ħuna P. Ġlormu Mangion, assistit mill-provinċjal. Il-funeral sar fid-Dar tal-Kleru l-għada, 2 ta' Ġunju.

John Mangion twieled il-Gudja fit-2 ta' Settembru ta' 1929 minn Antonio u Karmena mwielda Theuma. Daħal novizz fis-17 ta' Settembru ta' l-1950 u ngħata l-isem ta' "Fra Ġlormu". Għamel l-ewwel professjoni fit-23 ta' Settembru 1951, u dik solenni fit-3 ta' Ottubru 1954. Ordnat saċerdot fid-29 ta' Lulju 1956 fil-knisja ta' Għajnsielem, Għawdex. Bħala patri għex u ħadem fil-kunvent ta' Għawdex, ir-Rabat, Paceville, S. Rita u Ħal Tarxien. Minħabba li marad, daħal fid-Dar tal-Kleru fl-1986.

Fid-Dar tal-Kleru, P. Ġlormu kien jagħti messaġġ ta' aċċettazzjoni u rabta mar-rieda ta' Alla fit-tbatija tiegħu. Dan qaluhulna saċerdoti, reliġjużi u lajċi. Ħafna persuni kienu jħobbu jittawlhulu biex jaraw it-tbissima tiegħu. P. Anselmu, franġiskan, ta ċertifikat ta' dan meta, l-għada tal-funeral qal lill-provinċjal: "Fl-omelija jmissek semmejt kemm kien jagħtina messaġġ pożittiv P. Ġlormu bit-tbissima u ċ-ċajt tiegħu, għalkemm kien jgħix f'siġġu tar-roti, irid kollox minn ħaddieħor u ma jistax jitkellem."

## SORIJIET DUMNIKANI

**Sr Osanna Borg** twieldet il-Birgu fil-5 ta' Diċembru 1923. Daħlet fl-Ordni Dumnikan fl-Lulju 1943 u għamlet il-Professjoni Perpetwa f'Jannar 1949.

Kienet bniedma edukata ħafna u tirrispetta lil kulħadd. Kienet tinteressa ruħha wkoll fil-familjari tas-sorijiet u titlob ħafna għal kulħadd. Sr Osanna kienet tikteb il-poeżiji u indirizzi fil-festi tal-Kongregazzjoni. Kienet dejjem lesta biex tagħti kelma tajba u ta' ġid lil min kien jersaq lejha. Hija mietet fl-1 ta' Frar fl-Istitut San Ġużepp, Żabbar.

**Sr Nazzarena Muscat** twieledet is-Sannat, Għawdex fl-11 ta' Frar 1913. Daħlet fl-Ordni Dumnikan fl-Lulju 1932 u pprofessat Perpetwa fil-25 ta' Jannar 1940. Għal ħafna snin hija okkupat l-uffiċċju ta' Prokurattriċi

Ġeneral fi ħdan il-Kongregazzjoni. Hija ħadmet bla heda biex iġġib 'il quddiem il-Kongregazzjoni. Kienet bniedma edukata ħafna u ta' qalb tajba u ta' eżempju tajjeb. Hija mietet fl-isptar ta' Sta Katerina fid-9 ta' Lulju 2000. Għal bosta snin hija ħadmet ukoll fid-dar ta' Ruma fejn kienet maħbuba ħafna.

**Sr Anġela Zammit** twieldet il-Belt Valletta fl-4 ta' Jannar 1907. Daħlet fl-Ordni Dumnikan fl-Lulju 1926 u għamlet il-Professjoni Perpetwa fl-10 ta' Jannar 1933. Għal xi snin hija okkupat l-uffiċċju ta' superjura u ħadmet ħafna għall-Kongregazzjoni sakemm hija għamiet u kellha tirtira għall kwiet tal-kamra tagħha. Hemmhekk hija għenet lill-Kongregazzjoni bit-talb tagħha. Hija mietet fl-isptar ta' Sta Katerina, Attard fil-31 ta' Awissu 2000.

**Sr Alfonsina Sapiano** twieldet ir-Rabat, Malta fid-9 ta' Frar 1916. Daħlet fl-Ordni Dumnikan f'Jannar 1934 u għamlet il-Professjoni Perpetwa fit-22 ta' Lulju 1940. Għal diversi snin hija okkupat l-uffiċċju ta' Maestra tan-Novizzi u ukoll ta' superjura. Hija għallmet lin-novizzi tagħha l-valuri nsara. In-novizzi kollha ħabbewha fis-snin li għaddew magħha fin-novizzjat. Kienet edukata ħafna u serja fid-doveri tagħha. Ħabbet ħafna lis-sorijiet kollha kif ukoll lil familjari tagħhom. Mietet fl-isptar San Luqa fis-27 ta' Settembru 2000.

## SAĊERDOTI TAS-SACRED HEART

### Sister Antonia Muscat RSCJ

Antonia Teresa Muscat twieldet Ħal-Lija fl-20 ta' Awissu 1901 minn Pawlu Muscat u Ġużeppa née Galea. Fl-istess ġurnata ħadet il-magħmudija fil-knisja tas-Salvatur ta' l-istess parroċċa.

Nina, kif konna nsibha, kienet waħda minn għaxar ulied – erba' subien u sitt ibniet, li mietu qabilha. Billi kienet tieħu ħsieb ta' ħutha, ma kellhiex iċ-ċans li tattendi l-iskola.

Fit-2 ta' Frar 1923, Nina ngħaqdet mas-Sorijiet tas-*Sacred Heart*, San Ġiljan, u fit-3 ta' Awissu 1925 għamlet l-ewwel voti. Ftit ġranet wara, intbagħtet l-Ingilterra fejn għaddiet ħajjitha kollha sa ma mietet. Għamlet il-Professjoni Solenni fid-19 ta' Marzu 1932, Roehampton, Londra.

Nina kienet bniedma kuraġġuża, bieżla u kapaċi ħafna u kull fejn kienet mibgħuta dejjem tat servizz mill-aħjar u mill-qalb. Insibuha taqdi daqqa fil-kċina, daqqa fl-infermerija jew fit-tindif tad-dar. Baqgħet attiva sa ma kella 89 sena, meta rtirat fl-infermerija "*Ducheane House*", Roehampton, fejn mietet fil-25 ta' Lulju 2000 fl-età ta' 99 sena. Sa ftit ġimgħat qabel ma mietet, baqgħet issegwi l-ħajja komunitarja b'fedeltà kbira u b'dak is-sens umoristiku tagħha.

Kienet fuq kollox bniedma ta' talb u għaqda kontinwa ma' Alla. It-talb li kienet tħobb l-aktar kien ir-Rużarju u n-Novena tal-Qalb ta' Ġesù. Ta' spiss kienet tirrepeti: "Qalb ta' Ġesù, għinni."

## Sister Maria Orlando RSCJ

Maria Angelina Orlando twieldet fiż-Żejtun nhar id-9 ta' April 1910 minn Nicola Orlando u Ewfemja née Tonna. Hija tgħammdet fil-parroċċa ta' Santa Katerina l-għada tat-twelid tagħha. Nicola kellu żewġt itfal mill-ewwel mara li mietet żgħira u sitta oħra mit-tieni mara, Ewfemja. Maria kienet ta' qabel l-aħħar fost dawn l-ulied.

Nicola kien ħaddied waqt li martu kienet taħdem fil-ħanut tal-merċa ma' bintha l-kbira Katerina. Ta' età żgħira Maria marret toqgħod ma' żitha Carmela li kienet għalliema. Minn għandha Maria tgħallmet tikteb u taqra xi ftit għax l-iskola sena waħda biss marret. Meta oħtha Katerina telqet mid-dar biex tidħol soru ma' tas-*Sacred Heart*, Maria bdiet tgħin 'l ommha fil-ħanut.

Maria kellha x-xewqa li tidħol soru hi wkoll. Kien għad kellha biss 17-il sena meta ġiet aċċettata bħala postulanta fil-kunvent ta' San Ġiljan nhar l-4 ta' Frar 1927. Billi kienet ta' età żgħira, kellha tistenna biex tieħu l-libsa reliġjuża. Għamlet l-ewwel voti fit-28 ta' Lulju 1930. Ħamest ijiem wara, siefret l-Ingilterra fejn għaddiet ħajjitha kollha. Bdiet bħala koka, xogħol li wettqet għal 16-il sena sħaħ bl-akbar dedikazzjoni u mħabba. Għamlet il-Professjoni Perpetwa tagħha fit-13 ta' Marzu 1937 fil-kunvent ta' *St. Charles*, Londra.

Fl-1944, fuq l-ordni tat-tabib, Maria kellha tibdel ix-xogħol tal-kċina ma' dak tad-dispensa – xogħol ta' anqas strapazz. Saħħet Maria kienet waħda ta' tbatija kontinwa mħabba l-artrite li ħakmitha sew, imma qatt ma kienet tilmenta. Baqgħet sa l-aħħar tieħu sehem attiv fil-ħajja komunitarja għalkemm kienet ittarxet għal kollox. Ħsiebha kien dejjem

li tgħin lil ħutha s-sorijiet billi tferraħhom b'xi sorpriża żgħira. Kienet tħobb taħdem bl-idejn u kienet tinqala' ħafna għal dan ix-xogħol.

Marija kienet persuna dħulija u għamlet ħafna ħbieb li kienu jiġu jżuruha jew jiktbulha. Kella korrispondenza wiesgħa ħafna. Kienet tħobb tgħid: "Il-Mulej jagħtini kulma nitolbu." Għalhekk kienu ħafna dawk li kienu jirrikorru għandha għat-talb ta' interċessjoni. Maria għaddiet xi żmien l-isptar imma mietet f'*Duchesne House*, imdawra bit-talb u l-għożża tal-komunità nhar it-12 ta' Jannar 2000. Marija ħalliet warajha lil oħtha Sr. Tereża Orlando, reliġjuża tas-*Sacred Heart*, li kienet tħobb ħafna.

## Sister Philomena Vella RSCJ

Philomena Vella twieldet fil-Mosta nhar it-23 ta' April 1900 minn Gio Mario Vella u Rosa née Tonna u ġiet mgħammda fil-ġurnata tat-twelid tagħha. Hi kienet l-iżgħar fost sitt ulied, żewġ subien u erbat ibniet.

Marija daħlet soru fis-7 ta' Jannar 1927 fil-kunvent tas-*Sacred Heart* f'San Ġiljan. Billi qatt ma marret skola, sabitha bi tqila ħafna li titgħallem l-Ingliż u tikkomunika mas-superjuri tagħha li dak iż-żmien kienu ta' nazzjonalità barranija. Waħda soru anzjana li kienet tgħix magħha fin-novizzjat tirrakkonta kif Philomena tant bdiet taqta' qalbha li ddeċidiet li terġa' lura lejn id-dar. Hija qagħdet għall-parir tas-superjuri tagħha u meta ommha marret għaliha biex teħodha d-dar, Philomena qaltilha li kienet bidlet il-fehma u kienet ser tibqa' fil-kunvent.

Għamlet l-ewwel voti San Ġiljan fis-7 ta' Jannar 1930 u fl-1 ta' Frar 1930 intbagħtet l-Ingilterra fejn għamlet il-Professjoni Perpetwa tagħha nhar il-31 ta' Lulju 1935 f'*St. Charles*, Londra. Minn hemm hija marret bħala missjunarja fiċ-Ċina u l-Ġappun. Waqt it-Tieni Gwerra Dinjija, hija u sħabha Maltin u Ingliżi kienu arrestati u internati għal tlett snin, l-ewwel fil-belt ta' Kobe u wara f'Nagasaki fejn waqgħet il-bomba atomika.

Fl-1952 ġiet mibgħuta California, fl-Istati Uniti, fejn qattgħet il-bqija ta' ħajjitha sakemm mietet fit-22 ta' April 2000 fl-età ta' 100 sena wara marda qasira. Skond is-Superjura tagħha, "Sr. Philomena was a delight for all of us". Bħalma qalet Sr. Melita Attard li tgħix fl-istess kunvent ta' Atherton, Philomena għaddiet nofs il-100 *birthday* tagħha fuq l-art u n-nofs l-ieħor fil-ġenna.

Philomena kienet bniedma qaddisa, umli u sempliċi. Ma kenitx taf

taqra u tikteb imma l-isbaħ ktieb tagħha kienet in-natura. L-aħħar snin ta' ħajjitha għaddiethom tieħu ħsieb il-ġnien li kien il-mimmi ta' għajnejha. Fih kellha niċċa żgħira tal-Madonna fejn kienet tħobb tieqaf titlob. Fil-funeral tagħha li kien festa kbira, il-kappilan li kien ilu jafha snin twal, u għamel l-omelija, spiċċa biex qal li meta jara fjura jew jisma' għasfur isaffar, jiftakar f'Sister Philomena.

## Sister Victoria Bartolo RSCJ

Victoria Bartolo twieldet fil-Mellieħa nhar il-11 ta' Jannar 1913 minn Giovanni Bartolo u Maria née Sant. Huma kellhom għaxar ulied, ħames subien u ħames bniet, fosthom Brother Anton Bartolo OSA. Victoria tgħammdet l-għada tat-twelid tagħha.

Daħlet soru fit-13 ta' Lulju 1933 mas-Sorijiet tas-*Sacred Heart*, San Ġiljan, fejn għamlet l-ewwel professjoni tagħha fl-24 ta' Ġunju 1936. Ftit ġimgħat wara, siefret l-Ingilterra fejn għamlet il-Professjoni Perpetwa nhar is-6 ta' Frar 1942 fil-kunvent ta' West Hill, Londra. Sr. Bartolo ħadmet f'diversi djar – Hammersmith, Hove, Tunbridge Wells, Oxford, Woldingham, Phillimore Gardens u Marden House. L-ewwel snin kienet taħdem fil-kċina u fit-tindif tad-dar. Kienet tħobb taħdem fil-ġnien; kollox kien jieħu l-ħajja meta tieħu ħsiebu hi.

Sr. Victoria kienet tħobb il-qari u l-istudju ta' l-Iskrittura. Wara l-Konċilju Vatikan II, segwiet korsijiet fl-istudju tal-Bibbja kemm Malta u kemm barra. Irnexxielha titgħallem il-lingwa Franċiża.

Wara żjara lill-familja f'Malta fis-sena 1975, Sr. Victoria marret l-Awstralja fejn għaddiet tlett snin fil-pastorali qalb l-emigranti Maltin li hija kienet iżżur fi djarhom. Kienu japprezzawha ħafna għax dejjem kellha kelma ta' faraġ u tbissima ħelwa.

Fis-sena 1983 ġiet lura Malta fejn tat servizz ġeneruż fl-iskola bħala *supervisor* tat-tfal u fid-*Duchesne Library*. Fl-1991 meta saħħitha ma kenitx tippermettilha li tibqa' toħroġ kuljum għall-quddies, talbet li tmur tal-Virtù fejn kienet tgħin fil-qadi tal-komunità. Kienet tgħaddi l-ħin liberu tagħha taħdem is-*soft toys* għall-fiera b'risq is-Seminarju u l-Missjoni. Għalkemm kienet tbati minn problemi ta' saħħa, dejjem kienet ferreħija. Kienet bniedma ta' talb u ta' riflessjoni. Kienet ippreparat *notebook* mimli talb tal-fidili li kienet kitbet jew ikkupjat biex tgħidhom waqt il-quddiesa komunitarja.

Fl-aħħar xhur ta' ħajjitha, kienet talbet li tieqaf mix-xogħol tat-*toys* biex, fil-kliem tagħha stess, "ngħaddi aktar ħin fil-qari spiritwali u fit-talb biex nersaq qrib l-Mulej li nħossu ġej". Hu ġie għaliha nhar it-18 ta' Lulju 2000 fl-età ta' 87 sena. Għalkemm kienet muġugħa ħafna, qatt ma kienet tilmenta – dejjem tirringrazzja lil ta' madwarha u taħseb fihom.

## Sister Margherita Mifsud RSCJ

Margherita Mifsud twieldet B'Kara nhar is-17 ta' Frar 1912 minn Feliċ Mifsud u Marian née Parnis u ġiet mgħammda jumejn wara. Mit-tfal li għexu, kellhom tifel wieħed u tlitt ibniet fosthom Margherita.

Margherita daħlet soru tas-*Sacred Heart* nhar it-2 ta' Lulju 1931 fil-kunvent ta' San Ġiljan fejn għamlet l-ewwel professjoni tagħha fis-17 ta' Ġunju 1934. Ftit ġranet wara, siefret l-Ingilterra fejn damet sas-sena 1974 meta rritornat Malta. Għamlet il-Professjoni Perpetwa fit-12 ta' Marzu 1941 f'Stanford Hall waqt l-evakwazzjoni.

Margherita kienet ħajjata tajba ħafna u għamlet snin twal tlesti l-uniformijiet ta' l-istudenti kif ukoll l-ilbies reliġjuz tas-sorijiet. Kienet ukoll inkarigata mill-*laundry*. Sr. Margherita kienet mara ta' saħħa mhix komuni; kont taraha dejjem iġġor kannestri tqal mimlija ħwejjeġ. Fi xjuħitha sofriet ħafna mill-uġigħ tad-dahar u spiċċat ġo siġġu tar-roti.

Margherita kellha sens umoristiku u kienet tħobb tiċċajta. Wiċċha u għajnejha kienu jixegħlu meta tidħak. Kienet bniedma ta' intelliġenza naturali; dejjem kellha risposta f'waqtha. Meta kienet żgħażugħa, kienet xi ftit żorra, probabbli mħabba l-għeja li kienet tħoss wara dak ix-xogħol kollu li kienet tagħmel. Kellha stima żgħira tagħha nnifisha u sofriet ħafna mħabba n-natural tagħha. Iżda kienet mara sinċiera u ta' qalb kbira. Kienet ukoll mara ta' fidi u ta' fedeltà kbira. Qatt ma ħalliet ix-xogħol jieħu post it-talb.

Meta kienet Tal-Virtù, kienet inkarigata mit-tjur u l-fniek tal-kunvent u d-delizzju tagħha kien il-ġnien fejn kienet tkabbar fjuri u ħaxix ta' kull xorta. Kien sagrifiċċju kbir għaliha meta kellha iċċedi dawn għall-użu tas-Seminarju, jew għall-bini. Ftit ftit, il-Mulej beda jgħinha tinqata' mill-affarijiet tad-dinja sakemm laħqet id-distakk komplet. Fl-aħħar snin ta' ħajjitha, saret transformazzjoni kbira fiha; saret ġentili ħafna u dipendenti għal kollox mill-oħrajn. Fid-19 ta' Lulju, Margherita sofriet attakk tal-puplesija u kellha tmur l-isptar, fejn mietet ftit wara nhar is-27 ta' Lulju

2000 fl-età ta' 88 sena. Kull min raha f'dawn l-aħħar ġranet, skanta bid-dehra sabiħa u serena li kellha fuq wiċċha.

## SORIJIET TAL-KARITÀ

**Sr Arcangelina DeMatteis** – Giuditta fis-seklu, twieldet f'Alberone (Italja) f'23 ta' Diċembru 1915 u mietet Ħal Balzan (Malta) fis-16 ta' Settembru 2000 fl-età ta' 84 sena li minnhom għaddiet 67 sena fil-Ħajja Reliġjuża.

Sr Arcangelina kienet ruħ ta' fidi kbira u ta' għaqda m'Alla bil-ħajja ta' talb. Fil-fjur taż-żgħożija tagħha wieġbet, b'fervur u b'entużjażmu, għas-sejħa li għamlilha l-Imgħallem Divin. Ġa, fiż-żmien tal-Formazzjoni tagħha, tat prova ċara tas-serjetà li biha ħaddnet il-vokazzjoni fil-ħajja Konsagrata.

Għal għoxrin sena sħaħ wettqet il-missjoni tagħha bħala għalliema f'diversi skejjel ta' Napli. Wara din il-missjoni fl-1955, Sr Arcangelina ġiet mogħtija l-ubbidjenza biex tħalli art twelidha u tiġi Malta. Bla dubju ta' xejn dan kien ifisser sagrifiċċju mhux żgħir għal Sr Arcangelina li titbiegħed minn art twelidha u mill-familjari tagħha; madankollu il-ħsieb li din kienet ir-rieda t'Alla għaliha, kien jimlieha b'heġġa u b'ferħ qaddisa, biex twettaq dak li Alla kien qed jitlob minnha.

Għal sittax-il sena sħaħ Sr Arcangelina kienet maestra tan-Novizzi. Matul dan iż-żmien ta' importanza kbira għall-formazzjoni tagħhom kemm spiritwali kif ukoll umana, hija mpenjat ruħha b'mod ferm eżemplari, biex tiggwidahom jagħrfu sew il-vokazzjoni tagħhom. Żgur li għamlet mill-aħjar li setgħet biex bil-mod il-mod trawwimhom u jirnexxilhom jagħmlu passi 'l quddiem fil-Ħajja Reliġjuża.

F'għeluq iż-żmien tal-mandat tagħha bħala maestra tan-Novizzi, is-superjuri tawha f'idejha t-tmexxija ta' diversi komunitajiet bħala superjura u d-dar ta' Ħal-Balzan kienet l-aħħar waħda.

Sr Arcangelina kienet reliġjuża ta' talb u ta' sagrifiċċju tant li l-eżempju tal-ispiritwalità tagħha kien jedifika lil kull min kien javviċinha. Il-programm tal-ħajja li fasslet għaliha kien wieħed ta' mħabba ... imħabba kbira f'kull ma tagħmel ukoll fl-iċken dover u sottmissjoni kbira t'Alla. Sr Arcangelina kienet ferm konvinta li Alla huwa l-istess Imħabba u għalhekk tixraqlu biss l-imħabba.

Bil-mod il-mod il-forzi fiżiċi bdew iħalluha mħabba l-attakki tal-qalb *ostruzione aerea cronica*: għal 12-il sena sħaħ ma setgħetx tuża iżjed idha x-xellugija. Minkejja din is-sofferenza kollha, qatt ma ħarġet minn fommha kelma ta' tgergir anzi dejjem edifikat bl-eżempju erojku li wriet u kienet toffri kollox għall-bżonnijiet tal-Kongregazzjoni u biex ikollna vokazzjonijiet ġodda.

Mas-sebħ tas-16 ta' Settembru mingħajr agunija, mdawra mis-sorijiet jitolbu, kalma u serena ttajjret għal ħdan il-missier li tant kienet tħobb u li tant ħadmet bix-xiehda eżemplari tagħha biex ikun maħbub.

**Sr Pacifica Micallef**, fis-seklu Giuseppina twieldet Ħal-Għaxaq (Malta) fis-6 ta' Ottubru 1913 u mietet fl-Isptar San Luqa, G'Manġia (Malta) fit-13 ta' Marzu 2000 fl-età ta' 86 sena u 64 sena ta' Ħajja Reliġjuża.

Sr Pacifica trabbiet ġo familja verament nisranija. Meta wriet ix-xewqa tagħha lill-ġenituri biex tħaddan il-Ħajja Reliġjuża, dawn ma sabu l-ebda ostaklu għal din is-sejħa u għalhekk Sr Pacifica bdiet in-Novizzjat biex tikkonsagra lilha nnifisha kollha kemm hi lil Alla għall-ġid tal-proxxmu.

Sr Pacifika għaddiet il-Ħajja Reliġjuża tagħha f'xogħol ta' sagrifiċċju kontinwu bħala koka f'diversi sptarujiet u ospiżji.

Kienet tħejji l-ikel għas-sorijiet kif ukoll għall-morda b'imħabba u dedikazzjoni kbira. L-aktar li damet f'dan ix-xogħol kienet id-Dar tal-Providenza, is-Siġġiewi, fejn għal 28 sena sħaħ ħadmet bla heda u b'ħeġġa verament reliġjuża. Hija dejjem kellha kelma tajba, ta' inkoraġġament u attenzjoni partikulari għal kull persuna li kienet tiddependi minnha jew tiġi f'kuntatt magħhom. L-ebda diffikulta u lanqas il-ħafna xogħol ma kienu ta' tfixkil fil-mixja tagħha. Qatt ma qatgħet qalbha għax kellha fiduċja kbira fil-providenza t'Alla.

Meta ma kienx possibli għaliha tkompli twettaq is-servizz tagħha fil-kċina kienet taħdem xogħlijiet bil-ganċ biex bil-flus li ddaħħal setgħet tgħin il-Missjoni jew lid-dar tal-Providenza li tant kienet tħobb.

Sr Pacifika kienet persuna umli, sempliċi, ubbidjenti u kellha rispett kbir lejn is-Superjuri. Bit-talb u bl-eżerċizzju tal-virtù għarfet tinseġ kuruna ta' merti magħrufa biss għall-Mulej Ġesù.

Meta bdew jonqsuha sew il-forzi fiżiċi, Sr Pacifica ġiet trasferita għad-dar tal-mistrieħ, Ħal-Balzan. Dan id-distakk mid-Dar tal-Providenza swielha sagrifiċċju kbir. Iżda aċċettat id-deċiżjoni tas-Superjuri b'sens ta'

gratitudni u rikonoxxenza filjali. Hawnhekk kienet tgħaddi ż-żmien tagħha fit-talb u fl-offerta tagħha f'għaqda mar-rieda t'Alla.

Fil-11 ta' Marzu taha attakk tal-qalb u ttieħdet b'urġenza l-isptar. Jumejn biss wara, fit-13 ta' Marzu, rċeviet l-aħħar sagramenti u trankwilla u serena, kif għexet, ħalliet din l-art għall-laqgħa tagħha mal-Mulej f'dar il-Missier.

Paċi u sliem lir-ruħ għażiża tagħha.

## SISTERS OF ST JOSEPH OF THE APPARITION

### Sr. Immaculata Wallace SJA

Sr. Immaculata was born on the 20th October 1914 at Bolton, UK.

She joined the Congregation of the Sisters of St. Joseph of the Apparition at the age of 16. She made her first profession in 1938 and after her Novitiate she went straight to Nazareth where she taught English. She came to Malta for a short stay and then proceeded to Cyprus to continue her studies. There she also taught English and History.

Back in Malta she excelled as a teacher of English History and Drama to Senior Girls and was loved in our Schools.

During the troubled times of Malta, Sister offered voluntary help and taught the same subjects at St. Agatha's School, Rabat for 14 years.

As old age advanced sisters she kept busy by giving private lessons and visiting the sick and old people of the area. She also spent quiet moments crocheting.

After a short illness the Lord called her to him on the 21 March 2000 at the age of 86.

### Sr. Maxime Lisano

She was born on the 4th July 1911 at Senglea. She entered the Congregation on 2nd January 1935 and went to the Central Novitiate in Marseilles, where she was professed in 1937. Her first Mission was Palestine and Lebanon. She was Kinder teacher.

Sister had many artistic talents and was very clever at embroidery which she taught with great taste and precision wherever she was sent.

She returned to Malta in 1966. She was a receptionist both at Blata

School and at Fatima Hostel for Girls. She retired at Rabat Rest House where she died on the 26th January 2000.

## SORIJIET FRANĠISKANI TAL-QALB TA' ĠESÙ

### Sr. Margherita Gatt

Twieldet Ħaż-Żebbuġ (Malta) fit-2 ta' Lulju 1921, daħlet fil-Kongregazzjoni fl-1940 u għamlet il-professjoni reliġjuża tagħha fit-3 ta' Frar 1942.

Fis-skiet u bi spirtu ta' sottomissjoni u umiltà kienet taqdi d-dmirijiet tagħha, bl-akbar impenn.

Hija okkupat rwoli differenti fil-komunitajiet fejn kienet, dak ta' Superjura lokali, għalliema, ekonoma, sagristana u purtinara. Kienet ukoll adoratriċi, fid-dar tagħna ta' l-Adorazzjoni l-Belt, bħala membru ta' din il-Komunità. Ħafna sorijiet jiftakru fiha b'imħabba u gratitudni peress li kienet hija stess li għenithom jiskopru d-don tal-vokazzjoni reliġjuża.

Sr. Margherita mietet fid-dar tas-sorijiet f'Ħal Qormi fid-9 ta' Jannar 2000. Is-sorijiet jiftakru fiha b'ammirazzjoni kbira għall-fedeltà tagħha fil-mixja wara Kristu u fil-prattika kostanti fil-virtujiet reliġjużi. Kellha kważi 79 sena li minnhom 57 għexithom bħala persuna kkonsagrata lil Alla.

### Sr. Pancrazia Micallef

Twieldet il-Birgu, fl-20 ta' Awissu 1925. Hi daħlet fil-ħajja reliġjuża fl-età ta' 20 sena u għamlet il-vestizzjoni u l-professjoni fil-Casa Madre, Rabat, Għawdex. Hija ddedikat il-ħajja tagħha għall-Mulej, bħala għalliema. Kienet dejjem preċiża fit-twettieq tad-dmirijiet tagħha, preċiżjoni li kienet tidher fl-impenji kontinwi tagħha u fir-rapporti tagħha mal-Mulej.

It-tbissima ħelwa u serena tagħha akkumpanjata fil-ħajja kollha tagħha, ukoll meta t-tbatija tal-marda tagħha kienet tagħfas fuqha fl-aħħar snin ta' ħajjitha. Kienet tagħmel parti mill-komunità ta' Fra Diego għal aktar minn 25 sena. Sr. Pancrazia kienet tgħaddi mill-kurituri tad-Dar ta' Fra Diego tiżra' fis-skiet tjubija u serenità. Baqgħet t-tifkira tal-virtujiet tagħha, li bil-għajnuna ta' Alla u tas-sorijiet li magħhom għexet għal bosta snin, qegħdithom fil-prattika tal-ħajja ta' kuljum mill-aħjar li setgħet.

Sr. Pancrazia mietet fl-isptar San Luqa fl-10 ta' Jannar 2000. Kellha 74 sena li minnhom 53 għaddiethom fill-ħajja reliġjuża.

## Sr. Isabella Grech

Twieldet Bormla fl-24 ta' Mejju 1906. Ikkonsagrat ruħha lil Alla permezz tal-Professjoni Temporanja fit-3 ta' Frar 1926, fl-età żagħżugħa ta' 20 sena. Dritt wara l-professjoni ġiet mibgħuta bħala għalliema fid-djar tal-Kottonera: Bormla, Birgu u l-Isla u kif ukoll il-Belt (il-Pilar) u s-Siġġiewi. Mill-ewwel uriet ruħha disponibbli u ġeneruża fis-servizz u fis-sagrifiċċju tagħha nfisha. Infatti malajr wara l-gwerra ġiet mibgħuta Santa Maria della Mole, Ruma u fi Sperlinga ġo Sqallija fejn ħabbtet wiċċha ma ħafna diffikultajiet tal-bidu.

Sr. Isabella nafuha reliġjuża lesta għal kull sagrifiċċju. Kienet tidistingwi ruħha għall-ubbidjenza, infatti kienet dejjem lesta u disponibbli għal dak li kienu jitolbu minnha s-superjuri, li lejhom kellha rispett kbir, anzi kienet turi sens ta' vererazzjoni u dan baqgħet turih sa l-aħħar mument ta' ħajjitha. Il-lajċi wkoll għarfuha u apprezzawha. Is-saċerdoti tal-parroċċi ta' kull fejn kienet sabuha dejjem lesta biex tagħti s-servizz tagħha.

L-isbaħ snin kienu dawk li għexet fid-dar ta' l-Adorazzjoni (Il-Belt) fejn damet ħafna mill-1967 sa l-1992. L-aħħar snin ta' ħajjitha għexithom fid-dar ta' "Betanja", Msida, fejn mietet serenament fit-28 ta' Jannar, assistita bl-akbar sabar mis-sorijiet infermieri u l-peronal lajk li jaħdem magħhom, li ħabbewha u rrispettawha sa l-aħħar nifs ta' ħajjitha.

Il-Mulej ried iħallas il-fedeltà ta' Sr. Isabella, billi għamel li jkun hemm ħdejn is-sodda tal-mewt tagħha l-Madre Ġenerali li assistietha sakemm mietet, flimkien ma xi kunsillieri, is-Superjura tad-dar, diversi sorijiet u saċerdoti li għamlulha l-aħħar sagramenti. Mietet fit-28 ta' Jannar 2000.

## Sr Annita Saliba

Twieldet il-Belt Valletta fis-27 ta' Diċembru 1910 u bdiet il-ħajja reliġjuża tagħha fit-3 ta' Awissu 1929. Għamlet l-ewwel professjoni tagħha fit-3 ta' Frar 1932. Għexet il-ħajja kollha tagħha b'fedeltà kbira għas-sejħa ta' Alla fil-ħajja reliġjuża u b'dedikazzjoni sħiħa fit-twettiq

tad-dmir tagħha bħala għalliema tal-mużika. Ħafna sorijiet jiftakruha mimlija kollha ħeġġa biex tgħaddi lill-oħrajn l-arti tal-mużika, u magħha kienet tgħaddi arti oħra bil-wisq importanti u aktar delikata u diffiċli, imma twieġeb aktar għall-verità, li hija dik ta' animatriċi vokazzjonali, permezz tal-kelma u ta' l-eżempju tajjeb tagħha.

Kienet kuntenta ħafna meta kienet tadura, permezz tal-mużika lil Ġesù Ewkaristija, fid-Dar ta' l-Adorazzjoni li ta' din il-komunità kienet membru. Sr. Annita, mhux biss kienet tgħallem il-mużika, iżda kienet tiddedika l-arti tagħha billi kienet tmur iddoqq fil-Knejjes u fil-Komunitajiet fejn l-ubbidjenza bagħtitha: l-Adorazzjoni, il-Belt Valletta, l-Isla, l-Furjana, tas-Sliema, il-Belt, l-Pillar u fl-aħħar fid-Dar għall-anzjani, l-Mosta. Kullimkien għexet kuntenta l-konsagrazzjoni tagħha reliġjuża lil Alla u lill-Kongregazzjoni, iżda mhux mingħajr sagrifiċċji.

Mietet fl-isptar San Luqa fit-3 ta' Marzu 2000 wara ftit sigħat li daħlet hemm minħabba attakk qawwi tal-qalb. Kella 89 sena li minnhom 57 għexithom bħala persuna konsgrata.

## Sr. Paolina David

Twieldet f'Hyderabad, Pakistan, fil-15 ta' Awissu 1940. Daħlet biex tagħmel parti mill-Kongregazzjoni f'Jannar 1961 u għamlet in-novizzjat fid-Dar ta' Formazzjoni f'Ruma. Sr. Paolina kienet waħda fost l-ewwel sorijiet Pakistani li rċevew l-ewwel formazzjoni tagħhom fid-Dar ta' Ruma. Wara l-Professjoni Temporanja, li għamlet fit-3 ta' Awissu 1963, reġgħet lura lejn pajjiżha biex taqdi l-missjoni edukattiva tagħha fl-iskola ta' Mirpurkhas, fejn għexet għal żmien twil.

Infatti matul dan iż-żmien hija tat ruħha u ġisimha għat-tagħlim fl-iskola, mhux biss meta din kienet immexxija mis-sorijiet, iżda wkoll meta l-Gvern ħa taħt idejh l-iskejjel kollha tal-Knisja Kattolika, fosthom dik ukoll ta' *St. Michael's*, f'Mirpurkhas. Infatti kien f'dan iż-żmien kritiku ħafna għall-iskejjel kattoliċi, li tmexxija tagħhom kienet għaddiet f'idejn mexxejja musulmani. Sr. Paolina, peress li kienet ċittadina Pakistana, baqgħet għalhekk bħala l-unika għalliema reliġjuża li ġiet aċċettata biex tkompli tgħallem fl-iskola, ukoll f'nofs ħafna u ħafna diffikultajiet.

Il-ferħ tagħha ma kienx jista' jitfisser, kif kienet qalet hija stess, meta dawn l-iskejjel fl-1995 kienu reġgħu ġew mogħtija lura mill-gvern lill-Isqfijiet, f'kundizzjonijiet li jġibulek tabilħaqq ħniena u bil-patt li l-

kongregazzjoni kellha titfa' somma flus il-bank, li kienet tammonta għal sitt xhur ħlas ta' salarji ta' l-għalliema.

Fl-1998, minħabba li saħħitha kienet dejjem sejra lura, il-Madre Ġenerali tagħha parir li tmur toqgħod fid-dar reġjonali u Sr. Paolina laqgħet bid-disponibbiltà kollha ta' qalbha din ix-xewqa tal-Madre Ġenerali ukoll jekk dan kien ta' tbatija għaliha. Peress li kienet attiva ħafna kompliet tagħti s-servizz tagħha sa l-aħħar mument ta' ħajjitha. Infatti wara diversi attakki ħfief tal-qalb, fil-15 ta' Marzu ta wieħed qawwi ħafna; għalhekk malajr ġiet rikoverata fl-isptar, fejn wara ftit sigħat mietet. Aħbar li ħadd ma kien jistennieha.

Il-Mulej twajjeb u għani fil-ħniena ġabarha mill-ġnien tal-Kongregazzjoni tagħha wara 36 sena ta' ħajja konsagrata, biex jeħodha miegħu għal dejjem fis-sema.

## Sr. M. Rosita Aquilina

Twieldet il-Qrendi fil-25 ta' Diċembru 1931, ħadet l-abitu reliġjuz fil-Casa Madre fit-3 ta' Frar 1959 u għamlet il-Professjoni Reliġjuza fit-3 ta' Frar 1962.

Sr. Rosita għexet id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù mhux biss personalment, imma fittxet li tagħtiha wkoll lil dawk kollha li javviċinawha permezz tat-tqassim ta' l-uffiċċji tal-Qalb ta' Ġesù.

Il-Qalb ta' Ġesù fis-Santissima Ewkaristija ħabbitha bi mħabba l-iżjed kbira, spiss, matul il-ġurnata, ukoll f'mumenti qosra liberi li kien ikollha bejn xogħol u ieħor kienet tmur tinvistah. Kienet tgħid spiss: "Hekk biss inħossni kuntenta, meta nkun nista' noqgħod maġenbu."

Kienet verament soru franġiskana, għexet il-Vanġelu fl-umiltà, sempliċità fi ħdan il-fraternità. Matul il-ħajja tagħha missjunarja uriet imħabba materna lejn il-fqar.

Fis-silenzju tal-lejl tat-22 ta' Ġunju 2000 l-Għarus Divin sejħilha għalih għat-tieġ etern fl-età ta' 68 sena li minnhom 38 ta' professjoni reliġjuża fil-Kongregazzjoni.

## Sr. Edoarda Caruana

Twieldet l-Isla fit-28 ta' Lulju 1912. Daħlet fil-Kongregazzjoni ta' età żgħira u għamlet il-Professjoni Temporanja tagħha fit-3 ta' Awissu 1932.

Hija ddedikat ruħha bl-enerġiji kollha tagħha għat-tagħlim tat-tfal billi kienet għalliema fl-iskejjel tal-gvern b'mod speċjali fl-Imġarr fejn għaddiet ħafna snin. Għal ħafna snin kienet superjura ta' djar differenti u mexxiet il-komunitajiet tagħha b'ħafna għaqal u dedikazzjoni, b'mod li s-sorijiet kienu jħossuhom f'għaqda fraterna u b'omm spiritwali li tmexxihom.

Kull fejn kienet Sr. Edoarda, kienet dejjem mudell ta' spiritwalità, ġentilezza u mħabba. Kienet bniedma bieżla u tagħmel dak kollu li jiġi għal idejha, ma kinitx taqta' qalbha mis-sagrifiċċju imma tidħol għal kwalunkwe xogħol ukoll kbir, b'wiċċ ferħan. Kienet tgħin ukoll fix-xogħol tal-Parroċċi u tħabbrek billi tinsisti mas-sorijiet biex ngħinu l-Parroċċa għax kif kienet tgħid hi, "dak hu xogħlna".

Sr. Edoarda ħalliet dan il-wied tad-dmugħ fl-24 ta' Lulju 2000 wara qagħda twila fid-Dar ta' "Betania" Msida fejn kienet ilha rikoverata minħabba l-età u n-nuqqas ta' saħħa u fejn kienet ikkurata b'tant imħabba u delikatezza mis-sorijiet infermieri. Mietet imdawra bis-sorelli li tant ħabbewha. Kellha 88 sena li 68 minnhom għaddiethom fil-ħajja reliġjuża.

## Sr. M. Carmela Cachia

Sr. Carmela Cachia twieldet ix-Xagħra, Għawdex fl-10 ta' Diċembru 1907. Din is-soru kienet persuna sempliċi u pura fi ħsibijietha, fi kliemha u f'għemilha li ġibdet fuqha u fuq il-Kongregazzjoni kollha ħafna grazzji u barkiet.

Hija ħadmet f'ħafna kommunitajiet differenti kull fejn l-ubbidjenza bagħtitha. Kienet ġeneruża ukoll minkejja sagrifiċċji kbar, speċjalment meta fil-kunventi kien hemm il-faqar. Kemm kienet taħraq injam biex tlesti l-ikel għas-sorijiet, għat-tfal u s-seminaristi skond id-djar fejn kienet tgħix!

Fuq kollox Sr. Carmela kienet soru Ewkaristika. Kemm damet fid-dar ta' mistrieħ kienet tgħaddi sigħat sħaħ matul il-ġurnata fil-Kappella titlob lill-Qalb ta' Ġesù u titniegħed u tgħid: "Qalb ta' Ġesù, agħmel li nħobbok bl-istess imħabba tiegħek." Ħalliet din id-dinja fit-2 ta' Awissu 2000; festa franġiskana, festa tal-Porziuncola.

## SORIJIET AGOSTINJANI SERVI TA' ĠESÙ U MARIJA

**Sr M. Dolores,** Emanuela Fenèch, twieldet il-Mosta fl-24 ta' Diċembru 1918. Ta' età żgħira, ikkonsagrat ruħha lill-Mulej fil-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Agostinjani, Servi ta' Ġesù u Marija. Għaddiet il-biċċa l-kbira tal-ħajja reliġjuża tagħha bħala superjura f'diversi komunitajiet kemm Malta kif ukoll l-Italja.

Sr Dolores kienet persuna ġentili, ġeneruża, u dejjem lesta biex tgħin lill-fqar u tfarraġ lil min tara jbati. Il-ħsieb tagħha kien li tara s-Sorijiet kuntenti u fil-paċi, u kienet tagħmel mill-aħjar biex tgħin ukoll xi familji tas-Sorijiet li kienu fil-bżonn.

Wara 62 sena ta' ħajja reliġjuża, fl-età ta' 81 sena Sr Dolores iltaqgħet mal-Mulej fil-bidu tal-Millennju l-Ġdid, 3 ta' Jannar 2000.

## SORIJIET KLARISSI

### Sr Marguerite tas-SSmu Sagrament

Sr Marguerite Attard twieldet fid-29 ta' Mejju 1911, l-iżgħar waħda fost tmint aħwa. Il-familja kienet mill-Ħamrun, ġenituri mill-aħjar, rabbew it-tfal fit-tradizzjoni antika Maltija. Kellha zija, oħt missierha, Soru tal-Karità fil-Kunvent ta' Cini, u t-tifla Rita bagħtuha skola hemm. Iz-zija kienet taf taħdem bid-deheb u fuq it-tapizzerija u ċ-ċkejkna Rita mill-ewwel snin tagħha ssaħħret għal dan ix-xogħol u tgħallmitu. Ma nafux kif bdiet is-sejħa għall-ħajja ta' Klarissa. Nafu li l-familja kienet midħla tal-Patrijiet Kappuċċini u Rita kellha konfessur Kappuċċin. Nafu li hija kienet waħda mill-ewwel erbgħa li daħlu f'dan il-Kunvent dedikat lill-Bambin Ġesù Sultan, fis-27 ta' April 1935, sew sew xahar wara l-ftuħ ta' dan il-Monasteru fil-25 ta' Marzu ta' dik is-sena. Bħala postulanta Rita kienet tingħaqad ma' oħrajn fix-xogħol tal-ġnien. Imma Rita ma tantx kienet tinqala' għal dan ix-xogħol u għalhekk ħallewha għax-xogħol tar-rakkmu u hawn Rita sabet ruħha fil-ġenna ta' l-art. Ħalliet xogħlijiet mill-isbaħ. Fid-29 ta' April 1936 ħadet il-libsa u Rita saret Sr Marguerite tas-Santissmu Sagrament.

Dan l-isem kienet tgħożżu wisq, għalhekk sar il-programm ta' ħajjitha. Iżjed u iżjed meta wara l-Professjoni fit-30 ta' April 1937 saret għajnuna tas-Sagristana u aktar tard Sagristana. Sr Marguerite kienet ħerqana ħafna

għall-Uffizzju ta' bil-lejl u l-Adorazzjoni tal-Ħamis bil-lejl. L-adorazzjoni ta' Ġesù Sagramentat kienet għal qalbha ħafna. L-għaxqa tagħha kienet li żżejjen l-artal bl-ewwel fjuri li joħorġu. Dak iż-żmien l-artal kien bi tlett xkaffi u araha, ħafifa bħal farfett tielgħa u nieżla tqiegħed il-fjuri. Waqgħet u ġarrbet ksur kemm il-darba.

Sr Marguerite kienet ukoll tajba għall-kant, kienet tkanta kontralto. Wara ksur li ġarrbet fl-għadma ta' ġenbha, Sr Marguerite sabet ruħha fl-infirmerija fejn għaddiet l-aħħar erba' snin u nofs ta' ħajjitha li tulhom bdiet tnaqqas bil-mod il-mod. Ħallietna l-għada tal-festa tat-Twelid tal-Madonna li kienet tant tħobb, fid-9 ta' Settembru tas-Sena 2000, is-Sena tal-Ġublew il-Kbir, mogħnija bis-sagramenti u mdawra minn ħutha s-sorijiet. Kella 89 sena li minnhom għaddiet 65 fl-Ordni ta' Santa Klara. Nibqgħu niftakruha bħala reliġjuża ferrieħa u bieżla, dejjem lesta biex taqdi lill-komunità. Niftakruha l-aktar għat-tbissima li biha kienet tilqa' lil kulħadd u li baqgħet sa l-aħħar. Ġisimha jinsab fiċ-ċimiterju tal-monasterju.

Reference
NOT FOR
LENDING



PRODUZZJONI TAL-MEDIA CENTRE